

Brussell, 13 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15387/25

AG 180
POLGEN 200
FREMP 331
JAI 1675
DISINFO 99
HYBRID 146
AUDIO 110
EDUC 444
JEUN 235
CULT 127
COMPET 1160

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2025) 791 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija: It-tisħiħ ta' demokraziji b'saħħithom u reżiljenti

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument JOIN(2025) 791 final.

Mehmuż: JOIN(2025) 791 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 12.11.2025
JOIN(2025) 791 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija: It-tisħiħ ta' demokraziji b'saħħithom u reżiljenti

“Huwa biss billi nuru li d-demokrazija taħdem għan-nies u li tagħti riżultati, li nistgħu noħolqu Unjoni aktar b’saħħitha. L-Ewropa tista’ timxi ’l quddiem biss jekk tirnexxi d-demokrazija.”

Il-President Ursula von der Leyen, il-Premju Internazzjonali Karlu Manju

1. Daħla

Id-demokrazija hija l-pedament tal-Unjoni Ewropea u hija kruċjali għat-tiswir tal-**paċi, is-sigurtà, il-prosperità ekonomika, il-kompetittività u l-koeżjoni soċjali**. Il-pedamenti tad-demokrazija jgħixu f’persuni ħielsa, elezzjonijiet ħielsa u ġusti, midja ħielsa u istituzzjonijiet u proċessi demokratiċi b’saħħithom. Aktar minn sistema ta’ governanza, id-demokrazija hija l-istil ta’ ħajja tagħna - tiggarrantixxi d-drittijiet u l-libertajiet tagħna, tissalvagwardja l-ugwaljanza quddiem il-liġi, tippromwovi soċjetajiet li huma miftuħa u ġusti, u tiżgura li dawk fil-poter ikunu jistgħu jinżammu responsabbli. Iċ-ċittadini tal-UE jqisu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt bħala s-saħħa ewlenija tal-UE¹.

F’era ta’ konfrontazzjoni ġeopolitika li qed tikber, kunflitti internazzjonali u reġjonali, kif ukoll tfixkil teknoloġiku, id-demokraziji tagħna jinsabu taħt pressjonijiet interni u esterni. Ir-reġimi awtoritarji jqisu d-demokraziji bħala theddida u jużaw tattiċi dejjem aktar aggressivi, inkluż billi jiddependu fuq alleati statali jew mhux statali, biex idgħajfuhom. Filwaqt li fid-demokrazija jiltaqgħu flimkien vuċijiet differenti fis-soċjetà u jinstabu soluzzjonijiet komuni, ir-reġimi awtoritarji jfittxu li joħolqu jew iwessgħu l-firdiet, jistrumentalizzaw il-kunflitti, jiskreditaw l-atturi demokratiċi, b’mod partikolari l-media ħielsa u s-soċjetà ċivili, u jimminaw l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti. L-għan tagħhom huwa li jnaqqsu l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet demokratiċi u fil-kapaċità tad-demokrazija li jagħtu riżultati għan-nies.

Dan huwa tħassib urġenti għall-UE, il-viċinat tagħha u d-demokraziji madwar id-dinja. Huwa essenzjali li jingħata appoġġ lill-pajjiżi kandidati tal-UE u lill-kandidati potenzjali fl-isforzi tagħhom biex isaħħu u jikkonsolidaw id-demokrazija. Xi wħud kienu fil-mira ta’ tentattivi intensi ta’ destabilizzazzjoni u interferenza. Minbarra l-gwerra brutali ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, ir-Russja qed teskala wkoll l-attakki ibridi, li qed iwettqu battalja ta’ influwenza kontra l-Ewropa. It-tattiċi użati qed jaslu fil-fond fin-nisġa tas-soċjetajiet tagħna, b’impatti potenzjalment deġġiema. Billi jxerrdu narrattivi qarrieqa, li xi drabi jinkludu l-manipulazzjoni u l-falsifikazzjoni ta’ fatti storiċi, jippruvaw inaqqsu l-fiduċja fis-sistemi demokratiċi.

Dan it-theddid ma jasalx waħdu, iżda jikkonsma u jsaħħaħ sfidi importanti oħra li d-demokrazija qed tiffaċċja llum. Dawn jinkludu żieda fl-estremiżmu u l-polarizzazzjoni, tnaqqis fil-fiduċja u fl-involviment, theddid għall-integrità tal-elezzjonijiet u l-pluralità tad-dibattitu pubbliku u l-libertà tal-kelma, u deterjorament tal-ambjent li fih joperaw il-ġurnalisti u s-soċjetà ċivili². Dawn l-isfidi ġejjin minn trasformazzjoni diġitali profonda tas-soċjetajiet

¹ Skont l-Ewrobarometru Flash 550 “L-isfidi u l-prijoritajiet fl-UE”, ta’ Lulju 2024, l-ewwel saħħa ewlenija tal-UE identifikata mill-Ewropej kienet ir-rispett għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, u l-istat tad-dritt (38 %).

² Rapport ta’ Prospettiva Strateġika 2025 Reżiljenza 2.0: nagħtu s-setgħa lill-UE biex tirnexxi fost it-turbolenza u l-inċertezza, COM/2025/484 final; u “Rethinking societal resilience in a time of polycrisis”, <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC142772>.

tagħna, li sawret mill-ġdid il-mod li bih isir id-dibattitu pubbliku, kif tinxtered l-informazzjoni u kif iċ-ċittadini jinvolvu ruħhom fl-isfera pubblika. Dan ġab miegħu opportunitajiet ġodda sinifikanti għan-nies biex jaċċessaw l-informazzjoni b'mod liberu, jesprimu l-opinjoni tagħhom u jipparteċipaw fil-ħajja pubblika u fid-dibattitu demokratiku. Madankollu, kixfet u ħolqot ukoll vulnerabbiltajiet ġodda. Il-fehmiet tan-nies qed jissawru dejjem aktar minn sorsi personalizzati bbażati fuq l-algoritmi li jillimitaw l-ispazju kondiviż għal dibattitu demokratiku. Il-pjattaformi tal-media soċjali għandhom impatt ukoll fuq is-sostenibbiltà tal-mudelli tad-dħul mill-media. L-iżviluppi fl-Intelliġenza Artifiċjali (IA) jista' jkollhom ukoll impatt qawwi fuq l-ispazju demokratiku, inklużi l-proċessi elettorali.

Il-protezzjoni tad-demokrazija u l-bini tar-reżiljenza demokratika taċ-ċittadini, tas-soċjetajiet u tal-istituzzjonijiet huma sforz kollettiv urġenti, li jirrikjedi approċċ li jinvolvi l-organi kollha tal-gvern u tas-soċjetà kollha. Dan mhux biss huwa meħtieġ biex jiġu ppreservati l-valuri tal-UE, iżda wkoll biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-Ewropa u biex jiġu ssalvagwardjati l-indipendenza, il-libertà u l-prosperità tagħha. L-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, il-pajjiżi kandidati tal-UE u l-kandidati potenzjali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat, kull wieħed minnhom għandu rwol kruċjali, iggwidat mill-valuri komuni tagħna. Iċ-ċittadini tagħna u l-libertajiet tagħhom iridu jkun fil-qalba ta' dan kollu.

2. It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija

Hemm sensibilizzazzjoni dejjem akbar dwar l-isfidi kondiviżi li qed jiffaċċjaw id-demokraziji madwar l-UE u d-dinja u diġà qed tittieħed azzjoni fil-livelli kollha. L-Istati Membri stabbilew korpi ġodda u kapaċitajiet ġodda biex isaħħu r-reżiljenza demokratika nazzjonali tagħhom. L-atturi politiċi u komunità wiesgħa ta' ċittadini u gruppi attivi mexxew is-sejħa għal azzjoni u qed jikkontribwixxu għar-rispons.

L-UE stabbiliet qafas ta' politika u legali robust, ankrat fil-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea tal-2020³ u l-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija tal-2023⁴, biex tgħin fil-koordinazzjoni, il-mobilizzazzjoni, l-ikkomplementar u t-tisħiħ ta' dan l-isforz kollettiv.

Filwaqt li jibnu fuq dak il-qafas, bit-Tarka għad-Demokrazija Ewropea, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà qed jippreżentaw ġabra ta' miżuri ġodda fi tliet oqsma ta' prijorità, bil-għan li jagħtu s-setgħa lil demokraziji b'saħħithom u reżiljenti permezz ta':

- **it-tisħiħ tal-għarfien tas-sitwazzjoni u l-appoġġ tal-kapaċità ta' rispons għas-salvagwardja tal-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni,**
- **it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi, elezzjonijiet ħielsa u ġusti u midja ħielsa u indipendenti,**

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Dwar il-pjan ta' azzjoni Ewropew għad-Demokrazija", COM(2020) 790 final.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Difiża tad-Demokrazija, COM(2023) 630 final. Bħala parti minn dan il-Pakkett, il-Kummissjoni pproponiet Direttiva dwar l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi, li bħalissa qed jiġu diskussi mill-koleġislaturi.

- **it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà u l-involvement taċ-ċittadini.**

Sabiex jappoġġa kooperazzjoni u koordinazzjoni aħjar fl-indirizzar ta' diversi aspetti f'dawn l-oqsma ta' prijorità, se jiġi stabbilit **Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza Demokratika** ("iċ-Ċentru") biex jlaqqa' flimkien l-għarfien espert u l-kapaċitajiet madwar l-Istati Membri, il-pajjiżi kandidati tal-UE u l-kandidati potenzjali, u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, inkluż is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), kif rilevanti. Iċ-Ċentru se jiffaċilita **l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u jappoġġa l-kooperazzjoni operazzjonali u l-bini tal-kapaċità** biex jirreżisti t-theddid komuni li qed jevolvi, b'mod partikolari l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin (FIMI, foreign information manipulation and interference) u d-diżinformazzjoni. L-għan tiegħu se jkun li jtejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċità tal-antiċipazzjoni u l-identifikazzjoni tat-theddid, l-iżvilupp ta' sistema robusta u kkoordinata ta' twissija bikrija u appoġġa għall-kapaċità ta' rispons rapidu. Se jappoġġa wkoll is-sensibilizzazzjoni biex is-soċjetajiet u l-istituzzjonijiet jitħejjew u jingħataw is-setgħa, u b'hekk isiru aktar reżiljenti għall-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni. Il-ħidma tiegħu se tikkontribwixxi biex tikkonsolida l-approċċ tal-UE li jħaddan is-soċjetà kollha biex tissaħħaħ it-tħejjija, tiżdied is-sensibilizzazzjoni u tinbena r-reżiljenza demokratika.

It-Tarka għad-Demokrazija Ewropea se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-demokraziji tagħna u l-għoti tas-setgħa lill-Ewropej biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, biex jiffurmaw u jesprimu l-opinjoni tagħhom liberament, u biex ikollhom is-saħħa li jaġixxu u jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni b'mod attiv u sikur. L-azzjonijiet tagħha ser isaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi, jipproteġu l-integrità tal-elezzjonijiet u jappoġġaw il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, sabiex id-demokraziji tagħna jibqgħu b'saħħithom, miftuħa u plurali, u mibnija fuq il-fiduċja taċ-ċittadini. Se tiġi implimentat f'sinerġija mal-aġenda tal-UE dwar is-sigurtà, id-difiża, it-thejjija⁵, u f'koerenza mal-azzjoni esterna tal-UE b'mod aktar wiesa'.

2.1. Ċentru Ewropew ġdid għar-Reżiljenza Demokratika: it-tisħiħ tal-għarfien tas-sitwazzjoni u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà

Il-bini tar-reżiljenza demokratika jeħtieġ sforzi msaħħa fil-livelli kollha tal-gvern, fost l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u fis-soċjetà kollha kemm hi. Dawn l-isforzi kkoordinati jeħtieġ li **jiffukaw fuq it-titjib tal-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċità kollettiva li wieħed jantiċipa, jidentifika u jirreaġixxi għat-theddid** u fuq **it-tiswir tar-reżiljenza demokratika**. Diġà sar ħafna xogħol biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, b'għodod u strutturi emerġenti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew⁶ u nkisbu xi riżultati importanti.

⁵ Il-Kummissjoni Ewropea 2025: Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea, JOIN/2025/120 final; L-istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza, JOIN(2025) 130 final; ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna, COM(2025) 148 final.

⁶ Diġà jeżistu diversi oqfsa, strutturi u għodod fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali biex jiġu indirizzati l-FIMI u d-diżinformazzjoni, kif ukoll ir-reżiljenza tas-soċjetà b'mod aktar wiesa'. Fil-livell tal-UE, dan jinkludi, fost l-oħrajn, is-Sistema ta' Twissija Rapida (RAS, Rapid Alert System) immexxija mis-SEAE, in-Network intern tal-Kummissjoni kontra d-Diżinformazzjoni, EUvsDisinfo, l-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali (EDMO, European Digital Media Observatory), ir-roundtables tal-elezzjonijiet tad-DSA, il-ħidma fin-Network Ewropew

Madankollu, ħafna minn dawn l-istrutturi jindirizzaw biss oqsma u komunitajiet speċifiċi, jużaw metodoloġiji differenti u spiss joffru kapaċità ta' rispons limitata u għandhom rabtiet limitati mal-ħidma tal-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali u tal-UE. Huwa essenzjali li dawn l-isforzi jingħaqdu flimkien; jeħtieġ li jitrawmu rabtiet aktar b'saħħithom biex jissaħħaħ l-għarfien tas-sitwazzjoni u biex tittiejeb il-kapaċità kollettiva tal-UE li timmonitorja, tidentifika u tantiċipa l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-kampanji ta' dizinformazzjoni⁷.

Biex tindirizza dawn il-ħtiġijiet, il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza Demokratika**. Iċ-Ċentru se joffri qafas biex isaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri u jappoġġa l-kooperazzjoni operazzjonali u l-bini tal-kapaċità. Dan se jiffaċilita approċċ aktar integrat u effettiv biex jiżjed l-għarfien tas-sitwazzjoni u biex tiġi żviluppata sistema ta' twissija bikrija robusta u kkoordinata li tista' tappoġġa l-kapaċità ta' rispons. Il-ħidma taċ-Ċentru se tikkontribwixxi wkoll għas-sensibilizzazzjoni biex titħejja u tingħata s-setgħa liċ-ċittadini, lis-soċjetà u lill-istituzzjonijiet u tagħmilhom aktar reżiljenti.

Iċ-Ċentru se jaħdem primarjament bħala ċentru ddedikat għall-iskambju u l-kooperazzjoni operazzjonali fost l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Iċ-Ċentru se jgħaqqad flimkien in-networks u l-istrutturi eżistenti li jaħdmu fuq il-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-analiżi u r-rispons għal xejriet ta' theddid fl-ispazju tal-informazzjoni, u jaħdem biex jiżviluppa approċċi, prattiki u metodoloġiji konġunti u jiskambja data u analiżijiet rilevanti. Dan se jappoġġa t-taħriġ u l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità. Jista' jagħti aktar pariri dwar għodod komuni ta' rispons, strateġiji, proċeduri operattivi standard, protokollu jew eżerċizzji konġunti. Iċ-Ċentru se jkun appoġġat mis-Sistema ta' Twissija Rapida u se jaħdem f'koordinazzjoni mill-qrib magħha, li hija mekkaniżmu stabbilit għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-FIMI u d-diżinformazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

Se tiġi stabbilita **Pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati** għall-partijiet ikkonċernati indipendenti mhux istituzzjonali biex tippermetti kontribuzzjonijiet minn sett wiesa' ta' partijiet ikkonċernati u komunitajiet rilevanti u biex tikkontribwixxi dawn il-kontributi fil-ħidma taċ-Ċentru. Din il-pjattaforma se tlaqqa' flimkien partijiet ikkonċernati bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-gruppi ta' riflessjoni, ir-riċerkaturi u l-akkademja, il-verifikaturi tal-fatti u l-fornituri tal-media. B'rispett sħiħ tal-indipendenza tal-parteċipanti kollha, din il-pjattaforma se tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, għarfien espert u pariri, u gradwalment se tibni fuq il-komunitajiet eżistenti tal-partijiet ikkonċernati bħall-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali (EDMO), u komunitajiet ġodda, bħan-Network Ewropew ta' Checkers tal-Fatti u l-qafas komuni futur ta' appoġġ għar-riċerka. Il-pjattaforma se tappoġġa t-tixrid tar-riċerka u outputs oħra u se tħeġġeġ l-iskambju fost il-partijiet ikkonċernati differenti.

ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet (ECNE, European Coordination Network on Elections). Jeżistu wkoll strutturi ddedikati fil-livell nazzjonali bħal Viginum fi Franza u l-Aġenzija Żvediża għad-Difiża Psikoloġika, jew l-approċċ għar-reżiljenza demokratika li jieħu f'kunsiderazzjoni s-soċjetà kollha introdott mill-Finlandja.

⁷ Kif mitlub ukoll fil-Konklużjonijiet tal-Presidenza ta' Mejju 2025 dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika - <https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2025/05/27/presidency-conclusions-on-strengthening-eu-democratic-resilience/>.

Iċ-Ċentru se **jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-UE u dawk nazzjonali** u l-indipendenza tal-istrutturi eżistenti fil-livell nazzjonali u tal-UE. L-iżvilupp tagħha **se jiġi introdott ftit ftit**, ibbażat fuq il-parteċipazzjoni volontarja tal-Istati Membri, u fuq **il-kontribut u l-ħtiġijiet tagħhom għall-appoġġ u l-kooperazzjoni**, biex jiġi żgurat li jagħti l-aħjar appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali u b'mod konġunt fil-livell Ewropew. Filwaqt li jibni fuq l-appoġġ u l-involvement kontinwu tal-UE mas-sħab internazzjonali⁸, iċ-Ċentru se jkun miftuħ ukoll biex jassoċja l-pajjiżi kandidati tal-UE u l-kandidati potenzjali biex jappoġġahom u jrawwem it-tagħlim reċiproku. Wieħed jista' wkoll jikkonsidra kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma.

Il-ħidma taħt iċ-Ċentru se tkun komplementari għal miżuri oħra mressqa biex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni, u f'sinerġija magħhom, se ssaħħaħ l-integrità tal-elezzjonijiet, trawwem il-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media u ssawwar reżiljenza soċjetali ġenerali billi ċ-ċittadini jingħataw is-setgħa u jiġu involuti.

2.2. Is-salvagwardja tal-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni

It-tisħiħ tal-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni biex kulħadd fis-soċjetà jiġi appoġġat biex jaċċessa informazzjoni affidabbli u li tista' sserra fuqha, jeżerċita d-drittijiet demokratiċi tiegħu u jinvolvi ruħu b'mod sinifikanti mal-istituzzjonijiet u l-komunitajiet huwa essenzjali. It-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-integrità fl-ispazju tal-informazzjoni huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-ilħna tan-nies jinstemgħu, biex jingħataw is-setgħa li jkunu ċittadini attivi u biex jibnu u jsostnu l-fiduċja tagħhom fil-proċessi demokratiċi.

Il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin (FIMI)⁹ u l-kampanji ta' diżinformazzjoni huma preċiżament maħsuba biex jimminaw il-fiduċja pubblika fl-ispazju tal-informazzjoni u fl-istituzzjonijiet demokratiċi filwaqt li jamplifikaw id-diviżjonijiet tas-soċjetà¹⁰. Dawn isiru possibbli permezz ta' proliferazzjoni ta' tekniki ġodda ta' manipulazzjoni online. Dawn jinkludu użu inawtentiku tal-media soċjali¹¹, kontijiet foloz tal-media soċjali, siti web imfassla biex jimitaw sorsi uffiċjali, l-amplifikazzjoni artifiċjali ta' kontenut diviżiv, l-użu ta' kontenut sintetiku bħal deepfakes u kontenut ieħor iġġenerat mill-Intelliġenza Artifiċjali ("IA"). It-tixrid tagħhom spiss jiddependi fuq imġiba mhux awtentika bħal kontijiet foloz, l-IA u amplifikazzjoni xprunata minn bots u impenji mhux awtentiċi. Tali operazzjonijiet koordinati, ħafna drabi parti minn kampanji ibridi usa', huma dejjem aktar sofistikati u

⁸ Il-G7, in-NATO, in-NU, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, jew il-Kunsill tal-Ewropa.

⁹ FIMI tirreferi għal xejra ta' mġiba li thedded jew li għandha l-potenzjal li tħalli impatt negattiv fuq il-valuri, il-proċeduri u l-proċessi politiċi. Tali attività hija ta' natura manipulattiva, imwettqa b'mod intenzjonat u kkoordinat. L-atturi ta' tali attività jistgħu jkunu atturi statali jew mhux statali, inklużi l-proxies tagħhom ġewwa u barra t-territorju tagħhom stess.

¹⁰ It-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa mwettqa mill-Kummissjoni biex tħejji t-Tarka tad-Demokrazija juru li r-rispondenti jqisu l-użu inawtentiku tal-media soċjali u l-FIMI bħala wħud mill-aktar riskji importanti għad-demokrazija. Barra minn hekk, Ewrobarometru speċjali [referenza: EB Special 568] tal-2025 żvela li dawk li wiegħbu jqisu l-FIMI u d-diżinformazzjoni bħala sfida ewlenija għad-demokrazija, flimkien ma' nuqqas ta' fiduċja dejjem akbar fl-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi. L-istess stħarriġ tal-Ewrobarometru juri li aktar minn sebgħa minn kull għaxar Ewropej huma mħassba li d-deċiżjonijiet tal-votanti huma bbażati fuq id-diżinformazzjoni.

¹¹ Programmi ta' software awtomatizzati mfassla biex iwettqu kompiti ripetittivi fuq network, li spiss jimitaw utenti reali

deċentralizzati, u jistgħu jinvolvu networks li joperaw f' diversi pjattaformi u ġurisdizzjonijiet, spiss taħt il-velu ta' anonimità, li jagħmilha partikolarment diffiċli biex jiġu identifikati, attribwiti u miġġielda b' mod effettiv.

Biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, l-UE għandha fis-seħħ leġislazzjoni apposta. **L-Att dwar l-IA**¹² jistabbilixxi obbligi ta' trasparenza għall-fornituri u għall-implimentaturi ta' ċerti sistemi tal-IA, inkluż id-dmir li jimmarkaw u jippermettu d-detezzjoni meta l-kontenut ikun ġie ġġenerat jew immanipulat b' mod artifiċjali, u obbligu ta' tikkettar fir-rigward ta' deep fakes u ċerti pubblikazzjonijiet oħra dwar kwistjonijiet pubbliċi ġġenerati mill-IA. **L-Att dwar is-Servizzi Diġitali**¹³ (DSA) jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni, jirregola r-responsabbiltajiet u jobbliga li l-fornituri ta' Pjattaformi Online Kbar Ħafna (VLOPs, Very Large Online Platforms) u Magni tat-Tiftix Online Kbar Ħafna (VLOSEs, Very Large Online Search Engines) jimmitigaw ir-riskji sistemiċi għas-soċjetà u d-demokrazija li jirriżultaw mis-servizzi tagħhom, b'rispett sħiħ tal-libertà tal-espressjoni tal-utenti. Id-DSA jsaħħa it-trasparenza algoritmika, jagħti s-setgħa lill-utenti biex jikkontrollaw kif is-sistemi ta' rakkomandazzjoni jinfluwenzaw il-kontenut li jaraw online u jippermetti lir-riċerkaturi jaċċessaw id-data tal-pjattaformi. Id-DSA jagħti wkoll lill-Kummissjoni s-setgħa li tiskrutinizza l-għamla tas-sistemi algoritmiċi, bl-appoġġ ta' Ċentru Ewropew għat-Trasparenza Algoritmika (ECAT, European Centre for Algorithmic Transparency). L-implimentazzjoni u l-infurzar ta' din il-leġislazzjoni huma prijoritajiet ewlenin, u għaddejjin diversi proċeduri relatati ma' ċerti fornituri tal-VLOPs dwar il-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji sistemiċi għad-diskors ċiviku u l-proċessi elettorali. B' mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tinforza l-obbligi skont id-DSA u se tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati biex tiżgura li dawn l-obbligi jiġu rispettati¹⁴.

Biex tipprevjeni u tindirizza inċidenti kbar u interferenza fl-ambjent tal-informazzjoni, flimkien mal-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali, il-Kummissjoni se tħejji **protokoll fejn jidħlu inċidenti u kriżijiet tad-DSA**¹⁵. Dan se jiffaċilita l-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti u jiżgura reazzjonijiet rapidi għal operazzjonijiet ta' informazzjoni fuq skala kbira u potenzjalment transnazzjonali. Dan il-protokoll iqis u se jaħdem flimkien ma' mekkaniżmi oħra ta' kriżi fis-seħħ, b' mod partikolari l-Blueprint dwar iċ-Ċibersigurtà¹⁶, biex jiżgura li l-azzjonijiet ikunu kkoordinati u koerenti, u billi jqis il-leġislazzjoni rilevanti tal-UE¹⁷. L-iskambji fost dawn il-mekkaniżmi se jiġu appoġġati miċ-Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza Demokratika u l-pjattaforma tal-partijiet ikkonċernati tiegħu.

¹² Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali, ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024. Se jibda japplika mit-2 ta' Awwissu 2026.

¹³ Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali, ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1–102.

¹⁴ Skont l-Artikolu 91(2) tad-DSA, sas-17 ta' Novembru 2027, u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa dan ir-Regolament, u tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

¹⁵ L-Artikolu 48 tar-Regolament dwar id-DSA jipprevedi proċedura speċifika għall-istabbiliment ta' tali protokoll.

¹⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tal-1.7.2025 C(2025) 4340 final u l-Artikolu 40 tad-DSA.

¹⁷ Bħad-Direttiva NIS2, l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, l-Att dwar l-IA, ir-Regolament dwar ir-reklamar politiku u r-Regolament dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online.

Il-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-Diżinformazzjoni, appoġġat minn Taskforce kollaborattiva, jipprovdi ġabra robusta ta' impenji u miżuri dettaljati li meħuda flimkien jgħinu biex jittaffew ir-riskji relatati mad-diżinformazzjoni, filwaqt li jiddefendu bis-sħiħ il-libertà tal-espressjoni, pereżempju permezz ta' għodod imtejba għall-utenti biex jirrikonoxxu, jifhmu u jimmarkaw id-diżinformazzjoni u biex jagħtu s-setgħa lir-riċerkaturi. Hija utli wkoll għad-determinazzjoni tal-konformità mal-obbligi rigward **ir-riskji sistemiċi relatati mad-diżinformazzjoni** għall-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs li jaderixxu mal-impenji skont dan il-Kodiċi u jikkonformaw magħhom¹⁸. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-livelli ta' impenn tal-firmatarji individwali tal-Kodiċi u l-implimentazzjoni tagħhom. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se torganizza djalogi regolatorji skont id-DSA ma' dawn il-firmatarji u tiddeċiedi dwar azzjonijiet ta' segwitu xierqa oħra. Pereżempju, il-Kummissjoni se taħdem mal-firmatarji biex issaħħaħ l-isforzi tagħhom fir-rigward tat-**trasparenza tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni** u biex **tiddemonetizza d-diżinformazzjoni**¹⁹, inkluż biex tneħħi l-inċentivi finanzjarji għad-diżinformazzjoni permezz tad-dħul mir-reklamar²⁰ u biex tiżviluppa indikaturi rilevanti biex jitkejlu l-isforzi tal-pjattaformi f'dan ir-rigward²¹.

Il-Kummissjoni se tesplora wkoll miżuri ulterjuri possibbli mal-firmatarji tal-Kodiċi. Dawn jistgħu jinkludu modi biex jittejbu d-detezzjoni u **t-tikkettar ta' kontenut iġġenerat u manipulat tal-IA** li jiċċirkola fuq is-servizzi tal-media soċjali²² u **għodod volontarji ta' verifika tal-utenti**²³. Tali miżuri jkunu komplementari għall-Att dwar l-IA u regoli rilevanti oħra tal-UE. **Il-Kartieri tal-Identità Diġitali tal-UE**, li se jkunu disponibbli għaċ-ċittadini u r-residenti tal-UE sa qabel tmim l-2026, jistgħu jiffaċilitaw tali miżuri u jipromwovu l-fiduċja u s-sigurtà fl-interazzjonijiet online billi jippermettu identifikazzjoni u awtentikazzjoni siguri²⁴.

L-isforzi tal-Istati Membri biex jiżguraw l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni jistgħu jissaħħu fil-livell tal-UE permezz tal-koordinazzjoni tal-approċċi u l-għbir ta' għarfien espert u informazzjoni li jibnu fuq il-**Ġabra ta' Għodod eżistenti tal-FIMI**²⁵. Filwaqt li taħdem mal-awtoritajiet u l-esperti nazzjonali, il-Kummissjoni se tappoġġa t-tnejn ta' **Pjan ta' Azzjoni għall-għieda kontra l-FIMI u d-Diżinformazzjoni**, inkluż għodod u gwida dwar miżuri għall-antiċipazzjoni, l-identifikazzjoni u r-rispons, kif ukoll mekkaniżmu ddedikat għall-iskambji

¹⁸ Ara l-Opinjoni tal-Kummissjoni - Assessment of the Code of Practice on Disinformation, C(2025) 1008 final, <https://ec.europa.eu/newsroom/dae/redirection/document/112679> (bl-Ingliż biss)

¹⁹ Filwaqt li tibni fuq l-Impenn 19 tal-kapitolu dwar l-Għoti tas-Setgħa lill-Utenti u l-Impenn 1 tal-kapitolu Skrutinju tat-Tqegħid ta' Reklami tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-Diżinformazzjoni.

²⁰ Lil dawk li b'mod konsistenti jxerrdu d-diżinformazzjoni.

²¹ Filwaqt li tibni fuq l-impenn 41 tal-kapitolu Monitoraġġ tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-Diżinformazzjoni relatata mal-indikaturi strutturali.

²² Il-bini fuq l-Impenn 15 u l-Miżura 15.1 tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-Diżinformazzjoni.

²³ Jistgħu jiġu esplorati soluzzjonijiet b'mod partikolari biex jgħinu lill-utenti jivverifikaw jekk ikunux qed jinteraġixxu ma' bniedem reali (eż. permezz ta' ikona ta' verifika).

²⁴ Il-Kartieri tal-Identità Diġitali tal-UE se jipprovdu mezz sigur, affidabbli u privat ta' identifikazzjoni diġitali għal kulħadd fl-Ewropa. Kull Stat Membru se jipprovdi mill-inqas kartiera waħda liċ-ċittadini, lir-residenti u lin-negozji kollha li tippermettilhom jagħtu prova ta' min huma, u jżommu, jikkondividu u jiffirmaw dokumenti diġitali importanti b'mod sigur.

²⁵ Dan is-sett ta' għodod jipprovdi qafas għall-azzjoni: https://www.eeas.europa.eu/eeas/information-integrity-and-counteracting-foreign-information-manipulation-interference-fimi_en.

professjonali u ħidma f'tim biex jingħata appoġġa lill-bini tal-kapaċitajiet nazzjonali u t-tagħlim reċiproku.

It-tishiġ tal-kapaċità tal-komunità indipendenti tal-verifika tal-fatti madwar l-UE huwa ta' importanza kritika biex tingħata spinta lid-detezzjoni u l-monitoraġġ tal-FIMI u l-kampanji ta' diżinformazzjoni. Se jiġi stabbilit **Network Ewropew indipendenti ta' Verifikaturi tal-Fatti**²⁶ bl-appoġġ tal-Kummissjoni u l-ħidma tiegħu se tikkontribwixxi għall-Pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati ta' Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza Demokratika. In-Network se jkun ibbażat fuq l-oġġla standards etiċi u professjonali u se jopera fl-UE u fil-pajjiżi kandidati, fil-pajjiżi kandidati potenzjali u fil-pajjiżi ġirien assoċjati mal-**Programm Ewropa Diġitali**. Dan se jagħti spinta lill-kapaċità tal-verifika tal-fatti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, speċjalment f'sitwazzjonijiet bħal elezzjonijiet, emerġenzi tas-saħħa jew diżastri naturali fejn l-aċċess għal informazzjoni affidabbli huwa kritiku. In-network se johlq u jżomm ukoll **repożitorju indipendenti għall-verifika tal-fatti** biex jikkonsolida l-kontrolli tal-fatti maħruġa minn organizzazzjonijiet indipendenti, eliġibbli u fdati, u se jiffaċilita l-aċċess mill-ġurnalisti, il-pjattaformi online, ir-riċerkaturi u s-soċjetà ċivili għal informazzjoni vverifikata, jappoġġa l-kollaborazzjoni transfruntiera u jippermetti reazzjonijiet f'waqthom. Se jipprovi wkoll aċċess għal **skema ta' protezzjoni għall-verifikaturi tal-fatti** fl-UE kontra t-theddid u l-fastidju, inkluża l-protezzjoni legali u psikoloġika. Fl-appoġġ tal-verifikaturi tal-fatti biex jilħqu udjenza usa', in-network se jagħti kontribut sostanzjali għar-reżiljenza tas-soċjetà²⁷.

L-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali (EDMO, European Digital Media Observatory) jipprovi network pan-Ewropew, indipendenti u interdixiplinari ta' riċerka u analiżi biex jiġu miġġielda l-FIMI u l-kampanji ta' diżinformazzjoni. Taħt **mandat estiż**²⁸, l-EDMO se jkun jista' jiżviluppa kapaċitajiet ta' monitoraġġ indipendenti u analitiċi ġodda biex jappoġġa l-għarfien tas-sitwazzjoni b'mod partikolari madwar l-elezzjonijiet jew f'sitwazzjonijiet ta' kriżijiet. Il-monitoraġġ tiegħu se jkopri l-Istati Membri kollha, il-pajjiżi kandidati (eż. l-Ukrajna, il-Moldova)²⁹ u l-kandidati potenzjali u jikkontribwixxi wkoll għall-ħidma tal-Pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati taħt iċ-Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza Demokratika.

Il-komunità tar-riċerka u akkademika żviluppat ukoll kontributi rilevanti, billi pprovdiet analiżi indipendenti u evidenza dwar il-FIMI u l-kampanji ta' diżinformazzjoni. Il-Kummissjoni se

²⁶ Kif imħabbar fil-Linji Gwida Politiċi 2024-2029 tal-President tal-Kummissjoni. Mill-15 ta' April sat-2 ta' Settembru 2025 kienet miftuħa sejħa għall-proposti <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/commission-launches-eu5-million-call-strengthen-european-fact-checking-network>.

²⁷ Sejħa ta' Azzjoni Preparatorja għal proġetti li jżidu l-firxa u l-impatt tal-kontenut professjonali prodott minn organizzazzjonijiet indipendenti tal-verifika tal-fatti fl-UE <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/funding/boosting-visibility-fact-checking-content-europe>.

²⁸ F'Lulju 2025 inħarġet sejħa għall-offerti sa massimu ta' EUR 2.56 miljun taħt il-Programm Ewropa Diġitali (DEP, Digital Europe Programme). Ara: <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/funding/commission-launches-call-continuation-european-digital-media-observatory/>.

²⁹ Fl-2025 qed jitnieda ċentru ġdid tal-EDMO, FACT, biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni fl-Ukrajna u fil-Moldova b'għotja tal-UE b'valur ta' EUR 1,29 miljun taħt id-DEP (bħala parti minn sejħa usa' għal propositi b'valur ta' EUR 8,8 miljun). Il-proġett se jibqa' għaddej sal-2027. Ara <https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/opportunities/projects-details/43152860/101226241> Link għas-sejħa għall-offerti l-ġdida tal-EDMO: Il-Kummissjoni tniedi sejħa għall-kontinwazzjoni tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Media Diġitali | Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa.

tappoġġa l-istabbiliment ta' **qafas komuni ta' appoġġ għar-riċerka** biex jipprovdi aċċess għad-data u għat-teknoloġija avvanzata³⁰, filwaqt li jiġbor flimkien u jsaħħaħ dawn il-kapaċitajiet indipendenti. Dan il-qafas li se jiddependi, fost l-oħrajn, fuq l-aċċess privileġġat għad-data skont id-DSA u r-Regolament dwar ir-Reklamar Politiku³¹, se jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati taċ-Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza Demokratika. Dan se jgħin biex jiġi approfondit l-għarfien ta' kif il-kampanji jinfirxu online u kif dawn ikollhom impatt fuq l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni. Se jappoġġa l-iżvilupp ta' għodod li jiffaċilitaw id-detezzjoni tal-awdjo, tal-immaginjiet u tal-vidjo ġġenerati jew manipulati tal-IA biex jirrappreżentaw ħażin il-fatti jew juru narrattivi ta' diżinformazzjoni (pereżempju deepfakes li jimpersonalizzaw lill-politiċi). Se jgħin ukoll fit-traċċar ta' forom ġodda ta' mġiba mhux awtentika kkoordinata, inkluż permezz ta' koordinazzjoni bejn il-pjattaformi, l-użu ta' bots, jew amplifikazzjoni algoritmika.

Biex tiġi antiċipata u mwieġba b'mod robust il-FIMI, huwa importanti li jsir użu sħiħ mill-**għabra ta' għodod tal-FIMI**³². Din il-għabra ta' għodod jinkludi firxa wiesgħa ta' tweġibiet, inklużi miżuri restrittivi tal-Unjoni fuq individwi u entitajiet mhux tal-UE li kienu involuti f'kampanji tal-FIMI mmirati lejn l-UE, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim tas-sanzjonijiet tal-UE mmirat lejn l-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja jinkludi l-projbizzjoni li jixxandru mezz ta' propaganda appoġġati mill-Kremlin involuti fil-FIMI. Ittieħdu aktar azzjonijiet kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali biex tiġi ristretta d-distribuzzjoni tal-kontenut minn fornituri tas-servizzi tal-media diżonesti mhux tal-UE li jippreżentaw riskji għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà pubblika inkluż billi jiġu sospiżi l-liċenzji tal-media. L-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA, European Media Freedom Act)³³ jippermetti koordinazzjoni rapida u effiċjenti tal-azzjonijiet kontra tali fornituri mir-regolaturi tal-media tal-UE, miġbura fil-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media. Biex ikompli jappoġġa lil dawn ir-regolaturi, il-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media se jiżviluppa, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, **lista ta' kriterji komuni biex jiggwidaw lir-regolaturi nazzjonali tal-media** meta jaġixxu biex jiproteġu l-ispazju tal-informazzjoni tal-UE minn servizzi tal-media qarrieqa mhux tal-UE.

Il-FIMI u l-kampanji ta' diżinformazzjoni jistgħu jiddependu wkoll fuq imġiba jew attivitajiet ta' natura kriminali, bħall-ħasil tal-flus jew il-kriminalità organizzata. L-acquis tal-liġi kriminali tal-UE jkopri ċerti forom ta' FIMI u attivitajiet ta' diżinformazzjoni, u kooperazzjoni msaħħa tal-UE f'dan il-qasam tista' tgħin biex dawn jiġu miġġielda aħjar. **Ir-reviżjoni**

³⁰ Bħall-aċċess għal riżorsi u software kondiviżi tal-cloud. Dan se jikkomplementa l-inizjattivi li għaddejjin li jżidu l-veloċità tad-detezzjoni u l-kapaċità analitika ta' attivitajiet malizzjużi sofistikati (eż. imġiba mhux awtentika kkoordinata) spiss parti mill-attakki ibridi.

³¹ Ir-Regolament (UE) 2024/900 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku (ĠU L, 2024/900, 20.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/900/oj>).

³² https://www.eeas.europa.eu/eeas/information-integrity-and-counterering-foreign-information-manipulation-interference-fimi_en.

³³ Ir-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media) (ĠU L, 2024/1083, 17.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1083/oj>).

ppjanata tal-mandati tal-Europol u l-Eurojust se tesplora modi biex tkompli ssaħħaħ dan l-isforz.

F'kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi u polarizzazzjoni akbar, huwa importanti li l-UE ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tibni alleanzi ma' pajjiżi u sħab reġjonali tal-istess fehma. L-appoġġ għall-atturi demokratiċi u l-integrità tal-ekosistemi tal-informazzjoni madwar id-dinja, se jkun ta' benefiċċju għad-demokrazija, is-sigurtà u l-prosperità Ewropej. Il-Kummissjoni se tinvolvi ruħha ma' pajjiżi terzi biex tappoġġa l-edukazzjoni ċivika u diġitali, inizjattivi affidabbli ta' verifika tal-fatti, u inizjattivi regolatorji mmirati lejn it-tisħiħ tal-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni. L-inizjattiva Tim Ewropa għad-Demokrazija tikkontribwixxi għal kondiviżjoni akbar tal-għarfien u l-koordinazzjoni dwar l-integrità tal-informazzjoni u l-assistenza lill-ġurnalisti f'riskju barra mill-UE, filwaqt li taħdem flimkien mal-Istati Membri, is-sħab tal-istess fehma u s-soċjetà ċivili.

L-UE ser iżżid l-isforzi tagħha biex tiġġieled il-FIMI fl-azzjoni esterna tagħha, permezz tas-SEAE, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-sħab internazzjonali. Dan se jinkludi l-bini tal-kapaċità tal-preżenza globali tal-UE, inkluż in-network tad-Delegazzjonijiet tal-UE, il-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u l-missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Membri, iż-żieda fit-taħriġ u l-għoti ta' strumenti kontra l-FIMI lill-persunal fuq il-post. L-UE se ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħhom mal-pajjiżi kandidati tal-UE u mal-kandidati potenzjali, u mas-sħab fil-ġlieda kontra l-FIMI, b'enfasi partikolari fuq il-viċinat tal-UE, filwaqt li tavvanza l-azzjoni kollettiva mas-sħab internazzjonali, inkluż il-G7, in-NATO u fil-kuntest tas-Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża. Se jiġi avvanzat approċċ aktar proattiv għall-ġlieda kontra l-FIMI, li jgħaqqad l-attivitajiet ta' komunikazzjoni strateġika ma' sforzi mmirati biex ifixklu l-infrastruttura li tabilita l-operazzjonijiet tal-FIMI, inkluż billi jiżdiedu l-isforzi biex jintużaw miżuri restrittivi biex jiżdiedu l-ispejjeż għall-awturi.

Azzjonijiet:

- *Fil-qafas tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali*
 - *Jitħejja protokoll fejn jidħlu inċidenti u kriżijiet tad-DSA*
 - *Jitkompla l-involvement tagħha mal-firmatarji tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-Diżinformazzjoni biex issaħħaħ il-miżuri biex jiġu indirizzati tekniki manipulattivi online*
- *Jingħata appoġġ għat-tħejjija ta' Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra l-FIMI u d-diżinformazzjoni*
- *Jiġi stabbilit Network Ewropew ta' verifikaturi tal-fatti*
- *Jiġi estiż il-mandat tal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali*
- *Jingħata appoġġ għall-istabbiliment ta' qafas komuni ta' appoġġ għar-riċerka biex jissaħħaħ il-monitoraġġ tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u tal-kampanji ta' diżinformazzjoni*
- *Tiġi żviluppata mill-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, lista ta' kriterji komuni għar-regolaturi tal-media meta jaġixxu kontra operaturi tal-media diżonesti mhux tal-UE li jippreżentaw riskji għas-sigurtà pubblika*
- *Jissaħħu l-kapaċitajiet tad-Delegazzjonijiet tal-UE, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, l-Ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE għall-ġlieda kontra l-FIMI*

- *Jiġu skjerati kampanji ta' komunikazzjoni strateġika proattivi f'reġjuni ta' prijorità*
- *Jipprovdu bini ta' kapaċità u appoġġ immirati lill-pajjiżi kandidati tal-UE u lill-kandidati potenzjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għall-FIMI u l-interferenzi ibridi, inkluż permezz ta' missjonijiet tal-PSDK*
- *L-ingranaġġ ta' sħubijiet internazzjonali għal reazzjonijiet kollettivi kontra l-FIMI, inkluż permezz tal-Mekkaniżmu ta' Rispons Rapidu tal-G7, il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO u s-Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża*

2.3. Istituzzjonijiet demokratiċi aktar qawwija, elezzjonijiet ħielsa u ġusti u midja ħielsa u indipendenti

Media ħielsa u indipendenti, elezzjonijiet ħielsa u ġusti u istituzzjonijiet u proċessi demokratiċi b'saħħithom u reżiljenti huma essenzjali biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikanti fil-ħajja politika, jagħżlu r-rappreżentanti tagħhom, iżommuhom responsabbli u jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet u l-libertajiet tagħhom. L-elezzjonijiet reċenti, inkluż fir-Rumanija u l-Moldova³⁴, urew eskalazzjoni usa' fl-interferenza mir-Russja u sħabha fl-ispazju demokratiku Ewropew.

2.3.1. It-tisħiħ tal-ġustizzja u l-integrità tal-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra

Elezzjonijiet li jkunu universali, ugwali, ħielsa u bbażati fuq vot sigriet u dirett huma parti mit-tradizzjonijiet elettorali komuni tal-Ewropa³⁵. Filwaqt li l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-elezzjonijiet huma l-kompetenza tal-Istati Membri, hija meħtieġa kooperazzjoni msaħħa fil-livell tal-UE biex jiġu indirizzati sfidi komuni f'dan il-qasam³⁶. Il-Kummissjoni tiffaċilita skambji siewja u appoġġ reċiproku permezz tan-**Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet** (ECNE, European Cooperation Network on Election), li jlaqqa' flimkien lill-awtoritajiet nazzjonali b'responsabbiltajiet fi kwistjonijiet elettorali. Pereżempju, f'Ġunju 2025, il-Kummissjoni ppubblikat lista ta' kontroll dwar l-integrità tal-elezzjonijiet u matriċi tal-ġestjoni tar-riskju għall-elezzjonijiet, imħejjija mal-Istati Membri fil-qafas tal-ECNE. **Il-mekkaniżmu konġunt għar-reżiljenza elettorali**, organizzat u kkoordinat permezz tal-ECNE (f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tan-**Network** u tas-Sistemi tal-**Informazzjoni** (NIS, Network and Information Systems) u l-RAS) jappoġġa l-iskjerament operazzjonali ta' timijiet konġunti ta' esperti u skambji ta' esperti, b'mod partikolari fil-qasam tal-forensika online, id-diżinformazzjoni u ċ-ċibersigurtà tal-elezzjonijiet.

³⁴ <https://www.presidency.ro/files/userfiles/Documente%20CSAT/Document%20CSAT%20SIE.pdf> kif ukoll https://www.sis.md/sites/default/files/comunicate/fisiere/Raport_SIS_Public_Interferenta_in_procesul_electoral.pdf

³⁵ Ara fost l-oħrajn l-Att Elettorali tal-UE, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2023 dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-UE, kif ukoll il-Kodiċi ta' Prattika tajba fi kwistjonijiet elettorali, il-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tal-Liġi, il-Kummissjoni Venezja, l-Opinjoni Nru 190/2002, Strasburgu, 25.10.2018)

³⁶ Hemm bżonn li jiġu protetti aħjar il-proċessi elettorali, inkluża l-infrastruttura relatata mal-elezzjonijiet, minn attacchi li jikkombinaw il-FIMI u kampanji ta' diżinformazzjoni u firxa ta' għodod u tattiċi oħra, bħal attacchi ċibernetiċi, finanzjament ta' kampanji moħbija, xiri ta' voti, attacchi kontra kandidati politiċi, tentattivi biex jinstigaw inkwiet soċjali jew atti ta' vjolenza u destabilizzazzjoni.

Il-Kummissjoni se tintensifika l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex ittejjeb l-integrità elettorali u l-preparatezza, tiproteġi l-infrastruttura relatata mal-elezzjonijiet kritika għall-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-elezzjonijiet, timminimizza r-riskji ta' interferenza barranija, issaħħaħ in-networks elettorali, il-kooperazzjoni elettorali u r-rappurtar, u thegħgeġ l-osservazzjoni tal-elezzjonijiet miċ-ċittadini u mill-organizzazzjonijiet internazzjonali li japprovaw l-istandards internazzjonali rilevanti, li huma kollha aspetti ewlenin tar-Rakkomandazzjoni tal-2023.

Sabiex jiġu żgurati elezzjonijiet ħielsa u ġusti, **l-infrastruttura relatata mal-elezzjonijiet** jenħtieġ li tiġi protetta kontra l-attakki ċibernetiċi. Id-Direttiva NIS³⁷ u l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika³⁸ jsaħħu ċ-ċibersigurtà tal-Ewropa billi jiżguraw li kemm is-setturi kritiċi kif ukoll il-prodotti diġitali jkunu siguri, reżiljenti u kkoordinati bi skop madwar l-UE, li jikkontribwixxi direttament għas-sigurtà tal-proċessi elettorali fl-UE u għat-tnejjija ġenerali għat-theddid ċibernetiku fil-kuntest tal-elezzjonijiet. Pereżempju, il-Kompendju dwar iċ-Ċibersigurtà u r-Reżiljenza tal-Elezzjonijiet, aġġornat fl-2024³⁹, tħejja mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS f'koordinazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u l-ECNE. Ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà, stabbilita mill-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà⁴⁰, hija għodda effettiva għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, kif ukoll tas-sħab tal-UE permezz tal-assistenza esterna, li tista' tintuża fuq talba biex tgħin hom jirrispondu għal inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira.

Ir-Regolament dwar ir-reklamar politiku, jipprovdi standards komuni tal-UE li jagħmluha aktar faċli għaċ-ċittadini biex jirrikonoxxu r-reklami politiċi, ikunu jafu jekk humiex fil-mira ta' tali reklami, u jiddistingwuhom minn tipi oħra ta' kontenut. Sabiex tiġi evitata interferenza barranija, ir-Regolament jipprojbixxi l-forniment ta' reklami lil sponsors ta' pajjiżi terzi fit-tliet xhur qabel elezzjoni jew referendum f'pajjiż tal-UE. Ir-regoli l-ġodda jgħinu biex jissalvagwardjaw l-integrità tal-proċessi elettorali u jappoġġaw dibattitu demokratiku miftuħ u trasparenti⁴¹. L-informazzjoni dwar ir-reklami politiċi online se tkun disponibbli minn repożitorju online, inkluż dwar min ħallas għalihom.

Biex tkompli tittejjeb il-prontezza fejn jidħlu l-elezzjonijiet u r-reżiljenza tal-proċessi elettorali, il-kooperazzjoni mal-Istati Membri se tissaħħaħ taħt l-ECNE. Il-kapaċitajiet tal-ECNE se jissaħħu permezz ta' skambji aktar sistematiċi biex jappoġġaw l-iżvilupp konġunt ta' għodod

³⁷ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80–152.

³⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali, ĠU L, 2024/2847, 20.11.2024.

³⁹ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/new-cybersecurity-compendium-how-protect-integrity-elections-published>.

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) 2025/38 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li jstabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tal-identifikazzjoni, tat-tnejjija u tar-rispons għat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi, ĠU L, 2025/38, 15.1.2025

⁴¹ Il-Linji Gwida maħruġa mill-Kummissjoni jappoġġaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jgħinu lill-atturi kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jifhmu u jikkonformaw mal-obbligi tagħhom. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi grupp ġdid ta' esperti tal-partijiet ikkonċernati biex jimmonitorja u jiġbor feedback Prattiku dwar l-implimentazzjoni tar-regoli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tappoġġa t-tnejjija ta' mudelli u għodod oħra biex tiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament.

u prodotti komuni f'oqsma ta' interess komuni. Kuntesti tematiċi ġodda se jrawmu skambji dwar suġġetti bħall-integrità elettorali u l-ġestjoni u t-tnejjija tar-riskju relatati mal-elezzjonijiet, l-osservazzjoni elettorali fl-UE, modi ġodda ta' kampanji politiċi inkluż fir-rigward tal-finanzjament, is-sikurezza tal-kandidati politiċi u tar-rappreżentanti eletti u l-impatt u r-rwol tal-Intelliġenza Artifiċjali u teknoloġiji ġodda oħra fir-rigward tal-proċessi elettorali⁴². Abbażi ta' skambji fl-ECNE, il-Kummissjoni se tħejji **repożitorju ta' referenzi u standards komuni għall-proċessi elettorali**⁴³. Il-Kummissjoni se tippromwovi l-użu tal-**mekkaniżmu konġunt għar-reżiljenza elettorali**, b'mod li tħeġġeġ skambji bejn il-pari, assistenza volontarja reċiproka, taħriġ komuni u eżerċizzji ta' simulazzjoni. Se tippromwovi wkoll **skambji għal żmien qasir ta' esperti nazzjonali** fost l-Istati Membri. Peress li l-pajjiżi kandidati tal-UE u l-kandidati potenzjali huma regolarment fil-mira ta' interferenza elettorali, dawn se jkunu assoċjati aktar mill-qrib u sistematikament mal-ħidma tal-ECNE, inkluż permezz ta' laqgħat iddedikati. Barra minn hekk, ser jiġi mfittex aktar involviment ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li jiżviluppaw oqfsa ta' referenza u metodoloġiji dwar l-elezzjonijiet, inklużi osservazzjonijiet elettorali, bħall-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa.

Filwaqt li tibni fuq il-qafas leġislativ u l-għodod ta' politika tal-UE⁴⁴, il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati biex tħejji **gwida ddedikata dwar l-użu ġust, trasparenti, iċċentrat fuq il-bniedem u responsabbli tal-IA fil-proċessi elettorali**. Abbażi ta' din il-gwida, li għandha titħejja bl-appoġġ tal-ECNE u l-Uffiċċju Ewropew tal-IA, il-Kummissjoni **se tħeġġeġ impenji volontarji dwar l-użu responsabbli ta' teknoloġiji ġodda** (b'mod partikolari l-IA) f'attivitajiet politiċi minn partiti politiċi Ewropej u nazzjonali u atturi rilevanti oħra u tippromwovi aktar il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar dawn il-kwistjonijiet, li jikkomplementaw l-obbligi legali eżistenti.

Il-pjattaformi u l-magni tat-tiftix online saru postijiet importanti għad-dibattiti pubbliċi u għat-tiswir tal-opinjoni pubblika u l-imġiba tal-votanti. Bħala tali, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom obbligu skont id-DSA li jstabilixxu miżuri biex itaffu r-riskji relatati mal-effetti negattivi fuq id-diskors ċiviku u l-proċessi elettorali⁴⁵. Biex tappoġġa l-konformità ma' dawn l-obbligi, il-Kummissjoni adottat **Linji Gwida dwar il-mitigazzjoni tar-riskji sistemiċi għall-proċessi elettorali**⁴⁶ u tikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri

⁴² Fil-qafas tal-ECNE, il-Kummissjoni se torganizza wkoll skambji dwar l-elezzjonijiet elettorali.

⁴³ Dan se jkun ibbażat fuq standards rilevanti u jinkludi l-esperjenza miksuba fil-kuntest tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE.

⁴⁴ Lil hinn mill-Att dwar l-IA, dan jinkludi b'mod partikolari r-Regolament dwar ir-reklamar politiku u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2023 dwar elezzjonijiet inklużivi u reżiljenti.

⁴⁵ Firxa wiesgħa ta' fenomeni li jinvolvu pjattaformi u magni tat-tiftix online jagħtu lok għal riskju akbar għall-integrità elettorali. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, il-proliferazzjoni ta' diskors illegali ta' mibegħda online, it-theddid marbut mal-FIMI kif ukoll il-fenomeni usa' tad-diżinformazzjoni, it-tixrid ta' kontenut estremist (vjolenti) u kontenut intenzjonat li jirradikalizza lin-nies, kif ukoll it-tixrid ta' kontenut iġġenerat permezz ta' teknoloġiji ġodda bħall-IA ġenerattiva.

⁴⁶ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Linji Gwida għall-Pjattaformi Online Kbar Ħafna u Magni Tat-Tiftix Online Kbar Ħafna dwar il-mitigazzjoni tar-riskji sistemiċi għall-proċessi elettorali C/2024/3014. Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-DSA, b'mod partikolari abbażi tas-Sett ta' Għodod għall-Elezzjonijiet tad-DSA għall-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali ppubblikat mill-Bord Ewropew tas-Servizzi Diġitali u mill-Kummissjoni fi Frar 2025, id-diskussjonijiet madwar mejda elettorali u t-testijiet tal-istress organizzati mill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali tal-Istati Membri wrew li huma utli fit-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet

rigward it-tħejjija tagħhom qabel l-elezzjonijiet⁴⁷. Flimkien mal-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali nazzjonali, il-Kummissjoni se **taġġorna l-Ġabra ta' Għodod għall-Elezzjonijiet tad-DSA**, f'kooperazzjoni mal-ECNE, biex tqis l-esperjenza mill-elezzjonijiet reċenti u l-ħtieġa li jiġu koperti fenomeni partikolari⁴⁸.

Il-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-Diżinformazzjoni se jkompli jkollu rwol ewlieni fl-indirizzar tat-theddid relatat mal-elezzjonijiet permezz tal-approċċ tiegħu b'diversi partijiet ikkonċernati volontarji, b'mod partikolari permezz tas-**Sistema ta' Rispons Rapidu** għall-elezzjonijiet li tippermetti lill-firmatarji mhux tal-pjattaforma bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jirrapportaw malajr kontenut jew kontijiet sensitivi għall-ħin li jqisu li jippreżentaw theddid għall-integrità tal-proċess elettorali lill-pjattaformi online, filwaqt li jiżguraw li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jieħdu azzjonijiet xierqa fid-dawl tal-politiki rispettivi tagħhom. Dan għandu jkompli jiġi segwit u estiż, inkluż għal sitwazzjonijiet ta' krizi⁴⁹. Ħidma ġdida relatata mal-elezzjonijiet skont il-Kodiċi se tiffoka fuq l-immappjar u l-analiżi ta' theddid ġdid u emerġenti marbut ma' kampanji ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni, li qed jiġu osservati dejjem aktar matul il-perjodi elettorali. Il-firmatarji tal-Kodiċi huma mħeġġa jmessu dan 'l quddiem permezz tal-ħidma tagħhom fi ħdan it-Taskforce tal-Kodiċi, li tidentifika l-aħjar Prattiki Billi Tiddistilla t-tagħlimiet meħuda mill-elezzjonijiet preċedenti tal-UE u dawk nazzjonali.

L-influencers għandhom rwol dejjem aktar sinifikanti fil-kampanji politiċi online. Filwaqt li tibni fuq iċ-Ċentru Legali tal-UE għall-Influencers, il-Kummissjoni se tappoġġa l-istabbiliment ta' **network volontarju ta' influencers** biex titqajjem kuxjenza dwar ir-regoli rilevanti tal-UE⁵⁰, inkluż dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom meta jinvolvu ruħhom f'kampanji politiċi u jippromwovu l-iskambju tal-aħjar Prattika. Il-Kummissjoni se tħeġġeġ ukoll standards etiċi u impenji volontarji, inkluż fir-rigward tal-integrità tal-informazzjoni, u tappoġġa l-ħidma mill-influencers biex tippromwovi l-litteriżmu diġitali.

It-trasparenza u r-responsabbiltà tal-finanzjament fil-politika, inkluż il-finanzjament tal-kampanji, huma kruċjali għall-prevenzjoni tal-indħil u għandhom importanza kritika biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost il-partiti politiċi u l-kandidati u biex tinżamm il-fiduċja taċ-ċittadini fl-integrità u l-ġustizzja tal-elezzjonijiet. Filwaqt li tibni fuq ir-regoli u l-istandards rilevanti tal-UE⁵¹, il-Kummissjoni se tappoġġa ħidma komuni mal-Istati Membri dwar **it-**

ikkonċernati dwar kwistjonijiet relatati mal-elezzjonijiet, it-tisħiħ tal-għarfien tas-sitwazzjoni u l-ittestjar tat-tħejjija tal-pjattaformi.

⁴⁷ Billi jipparteċipaw f'diskussjonijiet madwar mejda mal-atturi kollha kkonċernati kif ukoll billi jorganizzaw testijiet tal-istress.

⁴⁸ Pereżempju, l-esponent taċ-ċittadini tal-UE li jgħixu barra mill-pajjiż għall-FIMI u l-kampanji ta' diżinformazzjoni matul il-perjodi elettorali.

⁴⁹ Il-kooperazzjoni skont il-Kodiċi wriet li hija partikolarment utli fil-kuntest ta' kriżi bħall-pandemija tal-Covid u l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja kif ukoll fir-rigward tal-elezzjonijiet.

⁵⁰ Pereżempju, ir-Regolament dwar ir-reklamar politiku, id-DSA, l-Att dwar l-IA, l-EMFA, eċċ.

⁵¹ Dan se jiddependi b'mod partikolari fuq il-ħidma biex tiġi appoġġata l-applikazzjoni tar-Regolament dwar ir-reklamar politiku, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2829 tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni u t-tisħiħ tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, id-Direttiva proposta dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ir-regoli tal-UE kontra l-ħasil tal-flus u regoli rilevanti oħra tal-UE (eż. ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, maqbula bejn il-koleġiżlaturi f'Ġunju 2025, tipprevedi regoli msaħħa dwar il-projbizzjoni tal-finanzjament indirett u t-trasparenza tad-donaturi).

trasparenza u l-integrità tal-finanzjament fil-politika, filwaqt li tħares lejn kwistjonijiet ta' interess komuni bħal donazzjonijiet anonimi u l-kriptoaluta, li jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet b'modi li ma jkunux trasparenti u diffiċli biex jiġu identifikati. Il-Kummissjoni se tlaqqa' flimkien esperti nazzjonali, b'mod partikolari taħt il-kappa tal-ECNE u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' networks oħra tal-UE u bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati⁵², biex **jiskambjaw l-aħjar Prattiki, iħejju linji gwida possibbli u jrawmu azzjonijiet konġunti**.

L-iżviluppi soċjetali u teknoloġiċi, speċjalment online, jipprovdu opportunitajiet ġodda għall-partiti politiċi u l-kandidati biex jilhqqu lill-votanti, iżda jgħibu magħhom ukoll sfidi ġodda. Il-bidla rapida tax-xenarju tal-informazzjoni, it-tensjonijiet u l-polarizzazzjoni rriżultaw f'kandidati politiċi u rappreżentanti eletti, li qed ikunu dejjem aktar esposti għal theddid, attacchi u vjolenza, kemm online kif ukoll offline⁵³. In-nisa fil-politika huma mira partikolari ta' mgħiba bħal din⁵⁴, li tista' tiskoraġġihom milli jorhgu għall-kariga u f'xi każijiet thegħiġhom jirriżenjaw minn pożizzjonijiet eletti, li għandu effett negattiv ċar fuq ir-rappreżentanza demokratika, filwaqt li għadhom sottorappreżentati fil-politika⁵⁵. Biex tiżgura aħjar **is-sikurezza tal-kandidati politiċi u tar-rappreżentanti eletti**, il-Kummissjoni se tadotta **Rakkomandazzjoni dwar is-sikurezza fil-politika**⁵⁶. Il-Kummissjoni se taħdem ukoll, fil-qafas tal-ECNE u f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, fuq it-tnejn ta' **gwida ddedikata tal-aħjar Prattiki** u tappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet, l-appoġġ Prattiku, il-għbir tad-data u l-impenji volontarji (eż. wegħdiet u kodiċijiet ta' kondotta) u standards etiċi f'dan il-qasam. Se tingħata attenzjoni partikolari f'dan il-fluss ta' ħidma lin-nisa u gruppi oħra f'riskju akbar ta' diskriminazzjoni, u lis-sitwazzjoni tal-politiċi lokali.

It-theddid għall-integrità tal-proċessi elettorali huwa kumpless u multidimensjonali, u jirrikjedi tnejn u rispons f'firxa wiesgħa ta' politiki u atturi. L-esperjenza reċenti tal-Moldova turi li l-FIMI tista' tiġi reżistita u l-impatt tagħha jitnaqqas, u li t-tnejn, l-impenn politiku sod, il-koordinazzjoni effettiva u l-appoġġ tal-UE jistgħu jsaħħu b'mod sinifikanti r-reżiljenza demokratika għat-theddid ibridu.

Eżempji ta' theddid u approċċ għar-rispons: Il-każ tal-Moldova

Fl-2024 il-Moldova organizzat elezzjonijiet presidenzjali u referendum dwar jekk l-aspirazzjonijiet tal-UE tagħha għandhomx jiġu inklużi fil-kostituzzjoni, fost diżinformazzjoni, interferenza u xiri ta' voti estensivi mir-Russja. L-elezzjonijiet parlamentari tagħha ta' Settembru 2025 raw theddid ibridu intensu Russu, inkluż attacchi ċibernetiċi, twissijiet foloz ta'

⁵² Inkluż l-għarfien espert miġbur matul il-missjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet.

⁵³ It-theddid kontra l-ġurnalisti, il-professjonisti tal-media u l-politiċi jidher b'mod prominenti fost it-tħassib li r-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa li l-Kummissjoni wettqet biex tnejn t-Tarka tad-Demokrazija kellhom fir-rigward tar-riskji għad-demokrazija fl-UE.

⁵⁴ <https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/combating-cyber-violence-against-women-and-girls-developing-eu-measurement-framework>.

⁵⁵ <https://cdn.table.media/assets/wp-content/uploads/2025/03/07145057/Gender-Equality-Report-Chapeau-Communication.pdf>.

⁵⁶ Fost l-oħrajn, dan se jibni fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti, regoli u politiki rilevanti oħra tal-UE (eż. dwar id-drittijiet tal-vittmi, il-vjolenza kontra n-nisa, ir-razziżmu u l-ksenofobija u l-protezzjoni tad-data personali) kif ukoll inizjattivi internazzjonali li għaddejjin appoġġati mill-UE

bombi, FIMI u diżinformazzjoni⁵⁷ inkluż amplifikazzjoni artifiċjali ta' ċerti kandidati jew profili tal-partiti, użu mifruż ta' kontenut iġġenerat mill-IA, siti tal-media foloz u xiri ta' voti⁵⁸.

Fil-kuntest tal-proċess ta' adeżjoni tagħha mal-UE, il-Moldova saħħet ir-reżiljenza tagħha permezz ta' approċċ komprensiv u olistiku mmirat lejn l-indirizzar tal-FIMI u d-diżinformazzjoni upstream. B'assistenza mill-UE u minn sħab oħra, il-Moldova saħħet is-sigurtà ċibernetika u interna tagħha, l-integrità ġudizzjarja, il-kapaċità tal-awtoritajiet investigattivi li jidentifikaw flussi finanzjarji illeċiti - inkluż permezz tal-kriptoaluti, il-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni strateġika u l-kapaċità li tipprovdi servizzi lill-popolazzjoni anke matul il-kriżijiet (eż. l-enerġija u l-influss ta' individwi li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna) biex tgħin fl-indirizzar ta' nuqqasijiet fil-koeżjoni nazzjonali. Il-Kummissjoni Elettorali nazzjonali ħadet azzjoni deċiżiva fir-rigward tal-ksur tar-regoli dwar il-finanzjament tal-partiti. Ċentru StratCom li għadu kif ġie stabbilit ikkoordinat l-implimentazzjoni ta' oqfsa ta' komunikazzjoni strateġika multipartitika biex isaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà kontra l-FIMI abbażi ta' analiżi u prospettiva kumplessi.

Biex jappoġġa l-għarfien tas-sitwazzjoni u t-tnejjija, ġie stabbilit ċentru reġjonali ġdid tal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali li jiffoka fuq id-diżinformazzjoni Russa u li jkopri l-Moldova u l-Ukrajna⁵⁹. Il-Kummissjoni organizzat ukoll, flimkien mad-Delegazzjoni tal-UE u l-Missjoni ta' Sħubija tal-UE (EUPM, EU Partnership Mission), Simulazzjoni tad-Diżinformazzjoni u t-Theddid Ċibernetiku biex iżżid il-prontezza relatata mat-theddid ibridu fil-Moldova⁶⁰ u ffaċilitat mekkaniżmu ta' eskalazzjoni temporanju bejn erba' pjattaformi online ewlenin firmatarji tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-Diżinformazzjoni u l-atturi lokali tas-soċjetà ċivili⁶¹.

L-isforzi kontinwi mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Moldova, is-soċjetà ċivili u l-media indipendenti, kif ukoll l-appoġġ mill-UE, inkluż għall-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali, kellhom rwol kruċjali fil-kxif tal-indhul, fil-promozzjoni tal-litteriżmu medjatiku, u fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni permezz ta' komunikazzjoni fattwali. Din l-esperjenza wriet li seħħew vulnerabbiltajiet ewlenin fl-ispazju online u li l-involviment kontinwu kemm mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll mill-UE huwa meħtieġ biex tiġi żgurata r-responsabbiltà diġitali b'appoġġ għad-demokrazija.

⁵⁷ In-narrattivi ewlenin ta' diżinformazzjoni matul il-kampanja elettorali kellhom l-għan li jippolarizzaw is-soċjetà, jimminaw il-fiduċja fid-demokrazija, u jostakolaw il-perkors Ewropew tal-pajjiż. Huma ffukaw fuq dikjarazzjonijiet ta' oppressjoni politika u korruzzjoni mill-gvern, frodi elettorali, telf ta' sovranità, kif ukoll biża' ta' kunflitti armati potenzjali (rapport taċ-ċentru tal-EDMO <https://brodhub.eu/en/republic-of-moldova/report-the-observation-mission-of-the-2025-parliamentary-elections-in-the-republic-of-moldova/> n of the 2025 Parliamentary Elections in the Republic of Moldova – BROD).

⁵⁸ Ara r-rapporti tal-FACT (ċentru tal-EDMO li jkopri l-MD): <https://fact-hub.eu/moldova/> u BROD (hub tal-EDMO li jkopri RO u BU): <https://brodhub.eu/en/republic-of-moldova/>.

⁵⁹ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/new-european-digital-media-observatory-hub-fights-disinformation-ukraine-and-moldova>.

⁶⁰ FI-11 ta' Ġunju 2015, f'kooperazzjoni mal-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku u d-Diġitalizzazzjoni tal-Moldova, id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika tal-Moldova u l-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova, <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/commission-services-and-moldovan-authorities-conduct-stress-test-potential-digital-hybrid-threats>.

⁶¹ Abbażi tal-iterazzjoni b'suċċess tal-mekkaniżmu ta' eskalazzjoni temporanja matul l-elezzjonijiet tal-Moldova tal-2024 u l-esperjenza tar-Rispons Rapidu tal-Kodiċi.

It-tisħiħ tal-integrità elettoralu huwa wkoll prijorità ċentrali fil-politika esterna tal-UE. Huwa imperattiv strateġiku, peress li ħafna mill-isfidi u l-attakki fuq id-demokrazija u l-proċessi elettoralu Ewropej huma tranżnazzjonali min-natura tagħhom u jistgħu jiġu verament salvagwardjati biss jekk l-UE tkun imdawra b' demokrazija reżiljenti. L-elezzjonijiet reċenti fil-viċinat enfasizzaw il-ħtieġa li tingħata tweġiba għat-talbiet tal-awtoritajiet nazzjonali għal assistenza fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni fuq il-media soċjali. L-UE se ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-missjonijiet internazzjonali ta' osservazzjoni elettoralu preżenti fuq il-post.

Il-ħidma taħt iċ-Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza Demokratika se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-ġustizzja u l-integrità tal-proċessi elettoralu u proċessi demokratiċi oħra. Il-kooperazzjoni u l-iskambji bejn iċ-Ċentru u l-istrutturi u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni rilevanti fil-livell tal-UE f'dan il-qasam, se jirrispettaw bis-sħiħ l-oqfsa legali applikabbli, l-indipendenza jew il-partikolaritajiet ta' dawn l-istrutturi u l-parteċipanti tagħhom, u l-proċeduri eżistenti (eż. ECNE, in-network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali dwar ir-reklamar politiku jew il-Bord tas-Servizzi Diġitali).

Azzjonijiet:

- *Jingħata appoġġa lill-kooperazzjoni msaħħa mal-Istati Membri taħt in-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet (ECNE) biex jissaħħu l-integrità u l-prontezza elettoralu*
- *Titħejja gwida dwar l-użu tal-IA fil-proċessi elettoralu*
- *Tiġi aġġornata l-Ġabra ta' Għodod tal-Elezzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali*
- *Jingħata appoġġ għat-twaqqif ta' network volontarju tal-UE ta' influencers*
- *Jingħata appoġġ għall-ħidma komuni mal-Istati Membri dwar it-trasparenza u l-integrità tal-finanzjament fil-politika*
- *Titħejja Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u gwida ddedikata tal-aħjar prattiki dwar is-sikurezza tal-kandidati politiċi u tar-rappreżentanti eletti*
- *Tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-osservaturi elettoralu internazzjonali biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-monitoraġġ tad-diżinformazzjoni fuq il-media soċjali matul l-osservazzjoni elettoralu barra mill-UE*

2.3.2. It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-media ħielsa u indipendenti

Midja ħielsa, indipendenti u pluralistika tinfed hija l-pedament tal-integrità u d-diversità tal-ispazju tal-informazzjoni, u tagħmilhom essenzjali għad-demokrazija tagħna. Hija ġġiegħel lil dawk li għandhom il-poter jagħtu kont ta' għemilhom u peress li tjiġiprovdli pluralità ta' sorsi ta' informazzjoni affidabbli, hija tgħin lin-nies jiffurmaw l-opinjoni tagħhom u jagħmlu għażliet infurmati⁶². It-trawwim tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media kien ukoll fil-qalba tal-ħidma tal-UE, permezz ta' inizjattivi leġiżlattivi bħall-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA) jew id-Direttiva kontra s-SLAPP⁶³. L-UE hija wkoll sostenitur qawwi madwar id-dinja tal-libertà tal-media, inkluż fil-livell multilaterali, u tirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-

⁶² Ir-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa mwettqa mill-Kummissjoni biex tħejji t-Tarka għad-Demokrazija Ewropea identifikaw bħala prijorità għar-reżiljenza demokratika l-iżgurar tal-pluraliżmu tal-media ħielsa u indipendenti u ambjent sikur għall-ġurnalisti.

⁶³Id-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi, ĠU L, 2024/1069, 16.4.2024.

media indipendenti u l-ġurnaliżmu fid-difiża tal-valuri demokratiċi u d-drittijiet fundamentali madwar id-dinja.

Iżda s-settur tal-media jinsab taħt pressjoni ekonomika qawwija f'kuntest ikkaratterizzat mid-diġitalizzazzjoni. Dawn il-bidliet fl-ambjent tal-informazzjoni jaffettwaw kif l-informazzjoni tiġi prodotta, kondiviża, ikkunsmata u affidabbli. Iċ-ċittadini jiddependu dejjem aktar fuq pjattaformi online u dan l-aħħar fuq l-IA ġenerattiva biex jaċċessaw l-informazzjoni u jiffurmaw l-opinjoni tagħhom dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, inkluża l-politika. Il-pjattaformi online qed isiru s-sorsi ewlenin ta' informazzjoni għaż-żgħażaġh⁶⁴, speċjalment permezz tal-influencers⁶⁵. L-algoritmi li l-pjattaformi online jużaw biex jissortjaw il-kontenut jixprunaw l-interess u l-involvement, u spiss jagħtu prijorità lil kontenut sensazzjonali jew kontroversjali fuq informazzjoni affidabbli u sostanzjata. B'hekk iquom ir-riskju li jiġu amplifikati d-diżinformazzjoni, id-diviżjonijiet tas-soċjetà u tiġi sfidata l-viżibbiltà tal-kontenut tal-media. Il-fornituri tal-media indipendenti u l-mezzi tal-aħbarijiet qed jitħabtu biex jadattaw il-mudelli kummerċjali tagħhom fir-rigward tad-dħul mir-reklamar⁶⁶, suq dejjem aktar iddominat mill-pjattaformi online.

Dan għamilha aktar diffiċli biex tiġi sostnuta l-media tal-aħbarijiet indipendenti u d-disponibbiltà ta' kontenut ġurnalistiku ta' kwalità u investigattiv, abbażi ta' standards professjonali u etiċi. F'diversi reġjuni, u b'mod partikolari f'ħafna żoni rurali, l-istabbilimenti tal-aħbarijiet lokali tneħħew mis-suq, u ħolqu "deżerti tal-aħbarijiet" li rriżultaw fi tnaqqis fid-disponibbiltà, fil-pluralità u fil-kwalità tal-informazzjoni⁶⁷, li jista' jwassal għal telf ta' involvement u fiduċja fid-demokrazija u esponiment akbar għad-diżinformazzjoni. Barra minn hekk, l-attakki, il-kawżi abbużivi u forom oħra ta' intimidazzjoni qed jagħmlu ħsara lill-ambjent li fih jaħdmu l-ġurnalisti, u jpoġġu lis-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti prijorità essenzjali⁶⁸.

L-UE kienet proattiva fl-indirizzar tal-isfidi għal-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media, filwaqt li ppreżentat diversi għodod legali, ta' politika u ta' finanzjament. L-EMFA jipprovdi ġabra ġdida ta' regoli komuni biex jiproteġi l-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media fl-UE, bl-għan li jiżgura li kemm il-media pubblika kif ukoll dik privata jkunu jistgħu joperaw faċilment fis-suq intern, mingħajr pressjoni żejda u filwaqt li titqies it-trasformazzjoni diġitali. Il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-EMFA, inkluż permezz ta' linji gwida, u se tiżgura l-infurzar tiegħu. Il-Kummissjoni se żżomm djalogu attiv mal-atturi

⁶⁴ Skont l-Istħarriġ dwar il-Media Soċjali 2025, għaż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u l-24 sena, l-aktar sors użat għall-kontenut dwar il-ġrajjet kurrenti soċjali u politiki huwa l-pjattaformi tal-media soċjali (65 %). Sors: <https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3592>.

⁶⁵ European Media Industry Outlook. Ara: <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/2025-european-media-industry-outlook-report>. Ir-rapport tal-2024 tar-Reuters Institute dwar l-aħbarijiet diġitali juri li 57 % tal-utenti ta' TikTok u 53 % tal-utenti ta' Instagram jiddikjaraw li l-influencers huma s-sors primarju tal-aħbarijiet tagħhom, qabel il-ġurnalisti u l-media stampata (41 % u 34 % rispettivament).

⁶⁶ Insert latest market share stats from Eurostat.

⁶⁷ <https://cmpf.eui.eu/local-media-for-democracy-research-results/>.

⁶⁸ Fir-rapport tagħha tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni sabet li qed tingħata aktar attenzjoni lis-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti, fost theddid kontinwu, bl-Istati Membri jistabbilixxu jew ikomplu joperaw strutturi ta' appoġġ jew isaħħu l-protezzjoni legali tal-ġurnalisti. https://commission.europa.eu/publications/2025-rule-law-report-communication-and-country-chapters_en

rilevanti tal-industrija u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex tiżgura li s-salvagwardji u l-mekkaniżmi pprovduti mill-EMFA jiġu applikati b'mod effettiv madwar l-UE.

Sabiex jiġi żgurat li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs iqisu kif xieraq il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, id-DSA jobbligahom li dawn jidentifikaw u jimmitigaw b'mod diliġenti kwalunkwe riskju sistemiku li jirriżulta mit-tfassil jew mill-funzjonament tas-servizzi tagħhom, inkluż fir-rigward tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tinforza dawn l-obbligi u se tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex tiżgura li dawn jiġu rispettati fl-isfera diġitali.

Is-salvagwardja tal-fluss liberu tal-informazzjoni fid-demokrazija tagħna teħtieġ swieq vibranti u kontestabbli għall-media ħielsa u indipendenti. Il-Kummissjoni se tkompli tinforza **r-regoli tal-UE dwar l-antitrust** fis-settur diġitali biex tgħin fil-promozzjoni ta' xenarju tal-media ġust u divers u tiġġieled prattiki li jistgħu jimminaw il-pluraliżmu tal-media, inkluż billi tipproteġi lill-fornituri tal-media indipendenti kontra mgħiba antikompetittiva fir-reklamar online. Barra minn hekk, il-protezzjoni tal-kompetizzjoni tfisser ukoll it-trawwim tal-pluralità u d-diversità tal-media, mhux biss fis-setturi tal-media tradizzjonali iżda wkoll f'setturi li jinbidlu malajr bħall-IA. **Fil-linji gwida riveduti dwar l-Għaqdiet**⁶⁹, il-Kummissjoni se tipprovdi aktar gwida dwar kif tippreserva l-kompetizzjoni dwar il-kwalità u kif din tista' trawwem il-pluralità u d-diversità tal-media, għall-benefiċċju tal-konsumaturi u taċ-ċittadini. Skont **l-Att dwar is-Swieq Diġitali**⁷⁰, il-Kummissjoni se tinkludi fost il-prijoritajiet tagħha azzjonijiet ta' infurzar li jippromwovu xenarju tal-media indipendenti u divers, inkluż billi tiżdied it-trasparenza tar-reklamar online. L-isfidi li qed jitfaċċaw, bħat-tnedija ta' servizzi mħaddma bl-IA, qed ikollhom ukoll impatt fuq swieq diġitali ġusti u kontestabbli għall-media. Il-Kummissjoni qed torganizza djalogi regolatorji dwar dawn il-kwistjonijiet mal-gwardjani kkonċernati. Dan huwa wkoll parti mir-rieżami tad-DMA li għaddej bħalissa, li se jirrapporta dwar il-kwistjonijiet identifikati u l-passi futuri potenzjali.

Biex ikompli jingħata appoġġ lill-vijabbiltà ekonomika tas-settur, fil-kuntest tal-valutazzjoni li għaddejja bħalissa u r-rieżami li ġej tad-**Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva**⁷¹ (AVMSD, Audiovisual Media Services Directive), il-Kummissjoni se tevalwa modi **biex issaħħaħ il-prominenza tas-servizzi tal-media ta' interess ġenerali u timmodernizza r-regoli tar-riklamar bil-ħsieb li sseddaq is-sostenibbiltà tal-media tal-UE. Ir-rwol tal-**

⁶⁹ Linji ta' gwida fuq l-istima jew kalkolu tal-għaqdiet orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi, 2004/C 31/03 kif ukoll il-Linji gwida dwar l-evalwazzjoni ta' amalgamazzjonijiet mhux orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi, 2008/C 265/07.

⁷⁰ Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali, *ĠU L* 265, 12.10.2022, p. 1–66.

⁷¹ Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbiddu, *ĠU L* 303, 28.11.2018, p. 69–92.

influencers se jitqies ukoll fir-rieżami tal-AVMSD⁷² u tal-Att dwar il-Ġustizzja Diġitali li għandu jsir, li jikkomplementa r-regoli eżistenti tal-UE.

Il-finanzjament pubbliku għax-xandir tas-servizz pubbliku għandu l-għan li jippermettilu jissodisfa l-ħtiġijiet demokratiċi, soċjali u kulturali tas-soċjetà u li jiggarrantixxi l-pluraliżmu, inkluża d-diversità kulturali u lingwistika. L-EMFA jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ta' finanzjament li jiggarrantixxu li l-fornituri tal-media tas-servizz pubbliku jkollhom riżorsi finanzjarji adegwati, sostenibbli u prevedibbli li jikkorrispondu għall-issodisfar u l-kapaċità li jiżviluppaw fi ħdan il-mandat tas-servizz pubbliku tagħhom. L-evalwazzjoni li għaddejja tal-Komunikazzjoni dwar ix-Xandir tal-2009⁷³ għandha l-għan li tivvaluta jekk ir-regoli eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat għax-xandir tas-servizz pubbliku għadhomx adattati għall-iskop tagħhom fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq - minn teknoloġiji ġodda għal modi ġodda ta' osservazzjoni u atturi ġodda fis-settur.

L-iżvilupp tal-IA ġenerattiva, filwaqt li jgħib opportunitajiet, jippreżenta diversi sfidi għall-ekosistema tal-media. Il-piraterija online u l-użu ta' materjal protett bid-drittijiet tal-awtur għat-taħriġ tal-mudelli tal-IA mingħajr permess jibqgħu theddida sinifikanti għas-settur tal-media, inaqqsu d-dħul u jħallu impatt fuq il-kwalità u d-diversità tal-media. Il-Kummissjoni se **tagħti ħarsa lejn id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali**⁷⁴ u se tikkunsidra kif tista' ttejjeb l-effettività tagħha fil-kuntest ta' dawn l-iżviluppi.

Il-Kummissjoni se tuża wkoll l-għodod finanzjarji tagħha biex tappoġġa r-reżiljenza ekonomika tas-settur tal-media fl-UE u lil hinn minnha. **Il-Programm ta' Reżiljenza tal-Media** se jgħaqqad l-appoġġ attwali għall-media ma' programmi ta' finanzjament proposti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)⁷⁵ il-ġdid, u jwitti t-triq għall-użu b'suċċess tal-QFP li jmiss. Dan il-Programm se jappoġġa l-ġurnaliżmu indipendenti u l-litteriżmu medjatiċu, filwaqt li jissottolinja l-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ settur sostenibbli tal-media tal-aħbarijiet, inkluż il-ġurnaliżmu lokali, anke fil-pajjiżi kandidati tal-UE u l-kandidati potenzjali. Il-Kummissjoni se tqawwi l-appoġġ ipprovdut lill-media lokali permezz ta' **Ewropa Kreattiva**, billi trawwem proġetti li jiffukaw fuq il-vijabbiltà tal-ġurnaliżmu indipendenti u lokali⁷⁶. Fl-2027 il-programm Ewropa Kreattiva se jespandi wkoll is-sejthiet eżistenti tiegħu għal proposti dwar il-ħiliet billi jżid azzjoni ġdida dwar it-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti tal-media tal-aħbarijiet. Azzjoni ġdida taħt **Orizzont Ewropa** se tkompli tappoġġa t-

⁷² Fir-rieżami tar-regoli tal-media awdjoviżiva, il-Kummissjoni se tiffoka fuq modi kif tiżgura ekosistema tal-media aktar ġusta, fejn it-tele spettaturi – b'mod partikolari dawk iżgħar – ikunu protetti b'mod adegwat meta jikkunsmaw kontenut awdjoviżiv online, inkluż kontenut magħmul disponibbli mill-influwenzaturi.

⁷³ Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-istat għax-xandir tas-servizz pubbliku, 2009/C 257/01 li dwarha l-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika f'Ottubru 2025 fejn talbet kontribut mill-awtoritajiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini.

⁷⁴ Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali, ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92–125.

⁷⁵ B'mod partikolari l-programm propost AgoraEU.

⁷⁶ Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll il-ġurnaliżmu lokali indipendenti u tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-ġurnalisti aspiranti permezz ta' miżuri li jiffukaw fuq suġġetti speċifiċi, bħal dawk li jaqgħu taħt il-politika ta' koeżjoni tal-UE. Il-miżuri ta' informazzjoni tagħha b'orjentazzjoni lokali u l-azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità jgħinu biex jiġu indirizzati l-hekk imsejħa “deżerti tal-aħbarijiet”.

trasformazzjoni diġitali tal-industrija tal-media billi, fost l-oħrajn, tfassal għodod innovattivi ġodda għall-media biex tilħaq utenti u sorsi ta' dħul ġodda.

L-investment privat fil-media għadu relattivament baxx u jeħtieġ soluzzjonijiet ġodda ta' investment imfassla apposta, li jiffukaw fuq ir-redditi fit-tul fuq l-investment. **L-ekwità privata** għandha tingħata l-abbiltà li tkun tista' tappoġġa midja indipendenti ta' kwalità. Il-Kummissjoni se tippromwovi investimenti b'impatt fis-settur tal-media tal-aħbarijiet u se tibda tinvolvi ruħha ma' investituri potenzi jali flimkien mal-Grupp tal-BEI.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha, bħala parti mill-appoġġ tagħha għall-adozzjoni tal-IA fis-setturi kulturali u kreattivi, li tgħin fl-iżvilupp ta' **pjattaformi pan-Ewropej** biex jagħmlu disponibbli aħbarijiet u informazzjoni f'ħin reali minn mezz tal-media professjonali għal udjenzi usa' madwar l-UE, b'diversi lingwi⁷⁷. Il-Kummissjoni se żżid ukoll l-appoġġ tagħha għal proġetti innovattivi tal-media li jipprovdu formati u kontenut ġodda lill-udjenzi madwar l-Unjoni u lil hinn minnha⁷⁸. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tesplora perkorsi futuri għall-ambjent teknoloġiku tal-UE, b'enfasi inizjali fuq il-pjattaformi futuri tan-networking soċjali/tal-media soċjali, li jappoġġaw **is-sovranità diġitali** tal-UE.

L-iżgurar tas-**sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti** jibqa' prijorità ewlenija, inkluż l-azzjoni esterna tal-UE⁷⁹. Biex tintensifika l-isforzi tagħha biex tiproteġi lill-ġurnalisti minn pressjoni mhux leġittima, u minn theddid u attacki, il-Kummissjoni se taġġorna r-**Rakkomandazzjoni tagħha dwar is-sikurezza tal-ġurnalisti**⁸⁰ biex tappoġġa ambjent aktar b'saħħtu għas-sikurezza u abilitanti għall-ġurnalisti u għar-rapportar ta' kwalità tal-aħbarijiet (ġurnaliżmu minn sors primarju) fis-soċjetà u se torganizza **avveniment ta' livell għoli dwar il-ġlieda kontra s-SLAPPs** biex tappoġġa r-rieżami tar-Rakkomandazzjoni tagħha kontra s-SLAPP⁸¹. Barra minn hekk, biex tippromwovi postijiet sikuri għall-ġurnalisti, ir-riċerkaturi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fl-analiżi tal-ambjent tal-informazzjoni u l-evoluzzjonijiet tiegħu (eż. l-impatt tal-IA), il-Kummissjoni se tadotta linji gwida biex tappoġġa l-implimentazzjoni tar-regoli rilevanti tal-UE⁸².

⁷⁷ L-istrateġija tal-IA COM(2025) 723 final.

⁷⁸ L-azzjonijiet li jappoġġaw is-setturi tal-media tal-aħbarijiet huma disponibbli fuq: <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/news-initiative>. Fuq l-inizjattiva ta' xi Stati Membri tnedew ukoll xi inizjattivi notevoli ta' kooperazzjoni. Eżempji ġodda ta' inizjattivi transfruntiera bħal dawn jinkludu ARTE+ u l-proġett "tarka tal-informazzjoni" mniedi minn Deutsche Welle u France Médias Monde.

⁷⁹ L-appoġġ għall-media indipendenti u pluralistika, l-aċċess għall-informazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, kif ukoll is-sikurezza tal-ġurnalisti u tal-ħaddiema tal-media online u offline huma prijoritajiet ewlenin skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, u jinkludi azzjonijiet bħall-mekkaniżmu tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE: ProtectDefenders.eu u l-appoġġ tal-UE għall-Fond Ewropew għad-Demokrazija (EED, European Endowment for Democracy) li jappoġġa l-atturi tad-demokrazija, inklużi pjattaformi tal-media indipendenti u ġurnalisti. <https://democracyendowment.eu/>.

⁸⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea, C/2021/6650.

⁸¹ Il-Kummissjoni se ġġedded ukoll il-mandat u l-għamla tal-grupp ta' esperti kontra s-SLAPPs biex trawwem l-appoġġ għall-vittmi u tirrieżamina r-regoli tad-dritt internazzjonali privat tal-UE biex tivvaluta l-ħtieġa possibbli li jiġu inklużi aspetti rilevanti għas-SLAPP.

⁸² Bħad-DSA, ir-Regolament dwar ir-reklamar politiku jew l-Att dwar l-IA.

Biex tikkontribwixxi għall-għan ġenerali ta' appoġġ għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media, il-Kummissjoni se tkompli tiffinanzja wkoll mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-libertà tal-istampa fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi kandidati⁸³.

Il-Kummissjoni qed tappoġġa wkoll midja u ġurnaliżmu indipendenti ta' kwalità fuq livell internazzjonali, b'mod partikolari fil-pajjiżi tal-viċinat tal-UE u l-pajjiżi kandidati tal-UE u l-kandidati potenzjali. Il-finanzjament ewlieni biex jiġi sostnut l-operat tal-media indipendenti huwa mezz effettiv u effiċjenti fil-ġlieda kontra l-operat ta' diżinformazzjoni tar-reġimi awtoritarji kemm domestikament kif ukoll barra mill-pajjiż. Formati ta' investigazzjoni u ta' divertiment indipendenti u ta' kwalità għolja jgħinu biex jiġi evitat li jrabbu l-għeruf in-narrattivi tal-FIMI u jistgħu jillimitaw it-tixrid fl-UE u fil-pajjiżi sħab tal-UE⁸⁴. Barra minn hekk, il-Fond Ewropew għad-Demokrazija u l-mekkaniżmu tal-Kummissjoni ProtectDefenders.eu joffru appoġġ lill-ġurnalisti f'riskju bħala difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minn barra l-UE. Fl-2024, mill-inqas 943 ħaddiem tal-media ġew appoġġati permezz ta' dan l-aħħar mekkaniżmu. Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi appoġġ ewlieni lil ġurnalisti u mezzi tal-media indipendenti eżiljati, inkluż mir-Russja u l-Belarusja u pajjiżi oħra, li qed jaħdmu minn ġewwa l-UE u l-viċinat tagħha, kif ukoll se tgħin biex jiġu sostnuti mezzi tal-media indipendenti ta' kwalità għolja f'pajjiżi sħab ewlenin. Il-Kummissjoni se żżid il-ħidma ta' rispons rapidu ma' sħab fdati biex tiżgura li ċ-ċirkonvenzjoni taċ-ċensura diġitali, il-ġlieda kontra s-sorveljanza u s-soluzzjonijiet kontra d-diviżjoni jkunu disponibbli għaċ-ċittadini, għall-atturi tas-soċjetà ċivili u għall-ġurnalisti taħt reġimi awtoritarji. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tagħti prijorità lill-appoġġ għal-libertà tal-media taħt il-QFP il-ġdid Ewropa Globali.

Azzjonijiet:

- *Rieżami tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Medja Awdjoviżiva*
- *L-indirizzar tal-isfidi għall-ekosistema tal-media fil-kuntest tar-rieżami tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali*
- *Tingħata gwida biex tinżamm il-kompetizzjoni u titrawwem il-pluralità u d-diversità tal-media fil-kuntest tar-rieżami tal-Linji Gwida dwar l-Għaqdiet*
- *Valutazzjoni tal-idoneità tar-regoli eżistenti dwar l-għajjuna mill-Istat għax-xandir tas-servizz pubbliċ fl-evalwazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar ix-Xandir tal-2009*
- *Jitnieda Programm għar-Reżiljenza tal-Media biex jingħata appoġġ lill-ġurnaliżmu indipendenti u l-litteriżmu fil-media*
- *It-tisħiħ tal-miżuri dwar is-sikurezza tal-ġurnalisti u l-ġlieda kontra l-litigazzjoni abbużiva (SLAPP)*
- *Jingħata appoġġ għall-media indipendenti u l-ġurnaliżmu ta' kwalità lil hinn mill-fruntieri tal-UE*

2.4. Jissaħħu r-reżiljenza tas-soċjetà u l-involviment taċ-ċittadini

⁸³ Ara pereżempju proġetti li jirċievu finanzjament mill-programm Ewropa Kreattiva bħar-Rispons Rapidu għal-Libertà tal-Midja.

⁸⁴ L-appoġġ ewlieni tal-UE għall-media indipendenti, mogħti permezz tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija laħaq udjenza ta' mill-inqas 36 miljun permezz tal-mezzi tal-media soċjali, fir-Russja biss. Mill-2022, l-istabbilimenti appoġġati mill-UE żiedu l-udjenza tagħhom b'mill-inqas 15 sa 20 %.

Iċ-ċittadini impenjati u mogħtija s-setgħa u soċjetà ċivili attiva huma s-sinsla tad-demokrazija. Il-promozzjoni tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza, inkluż il-media, il-litteriżmu diġitali u l-ħsieb kritiku ssaħħaħ is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji u t-theddid u tagħti s-setgħa liċ-ċittadini ta' kull età fil-komunitajiet kollha biex jinnavigaw l-ambjent tal-informazzjoni, jaċċessaw informazzjoni affidabbli, jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jinvolvu ruħhom fi proċessi demokratiċi. Il-promozzjoni tal-involvement taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika, permezz ta' appoġġ għal għodod parteċipattivi u deliberattivi, hija meħtieġa wkoll biex jissaħħu s-sjieda, l-awtonomizzazzjoni u l-fiduċja pubblika. Dawn huma kruċjali għall-bini tar-reżiljenza ġenerali tas-soċjetà.

2.4.1. Edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza u ħiliet għad-demokrazija

Il-ħiliet bżonnjużi għaċ-ċittadinanza, inkluż il-litteriżmu medjatiku u diġitali huma ta' importanza kritika għad-demokrazija. Firxa wiesgħa ta' proġetti jappoġġaw tali ħiliet taħt diversi programmi tal-UE, bħal pereżempju Erasmus+ u dak imsejjaħ Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri (CERV, Citizens, Equality, Rights and Values) u Orizzont Ewropa.

Miżuri fl-edukazzjoni

L-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-ħiliet taċ-ċittadinanza biex in-nies ikunu jistgħu jaġixxu b' mod responsabbli, billi jrawmu l-ħsieb kritiku, l-inklużività, il-libertà tal-kelma u l-involvement ċiviku attiv. Billi jrawmu dawn il-ħiliet, l-entitajiet edukattivi fil-livelli kollha jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini li jkunu infurmati u involuti, u b'hekk jibnu soċjetajiet demokratiċi aktar reżiljenti.

Bħala parti mill-Unjoni tal-Ħiliet, **il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi** jqis kemm il-ħiliet taċ-ċittadinanza, kif ukoll il-ħiliet diġitali bħala ħiliet bażiċi li huma fundamentali biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jirnexxu, kemm fil-ħajja professjonali kif ukoll fil-ħajja personali tagħhom. **Il-pakkett tal-Edukazzjoni tal-2026** se jinkludi **Skema ta' Appoġġ għall-Ħiliet Bażiċi għall-iskejjel** biex tappoġġa lit-tfal u liż-żgħażaġħ jiksbu ħiliet ta' litteriżmu, matematika, xjenza, diġitali u ċittadinanza. Bħala parti minn dan il-pakkett, il-Kummissjoni se tippreżenta fl-2030 Pjan Direzzjonali dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali, li jibni fuq ir-rieżami tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, li jiffoka fuq il-ħiliet diġitali, il-litteriżmu fl-IA u l-ħsieb kritiku u jagħti spinta lir-reżiljenza demokratika fid-dinja diġitali.

Il-Kummissjoni se tipprovdri rakkomandazzjonijiet għall-mexxejja tal-iskejjel u għal dawk li jfasslu l-politika. Dan se jinkludi **Linji Gwida aġġornati għall-għalliema u l-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali** permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ⁸⁵, biex jissaħħaħ l-għarfien espert pedagoġiku tal-għalliema u l-ħiliet tal-ħsieb kritiku taż-żgħażaġħ, biex jiġi promoss l-użu responsabbli tat-teknoloġiji diġitali u biex jiġu appoġġati għażliet infurmati online. Dawn se jkopru żviluppi bħall-IA ġenerattiva, il-

⁸⁵ Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura, Linji gwida għall-għalliema u għall-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, <https://data.europa.eu/doi/10.2766/28248>.

manipulazzjoni tal-informazzjoni⁸⁶ u r-rwol tal-media soċjali u tal-influwenzaturi. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa wkoll linji gwida biex tappoġġa l-kisba ta' ħiliet bażiċi fejn tidħol il-prontezza, inklużi elementi rilevanti tal-litteriżmu medjatiku, bħala kruċjali għal ċittadinanza attiva u infurmata u għall-għieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni. Il-Kummissjoni se tiżviluppa **qafas ta' kompetenza taċ-ċittadinanza tal-UE**⁸⁷ flimkien ma' **linji gwida biex issaħħaħ l-edukazzjoni ċivika fl-iskejjel**. Dan se jkun ta' għajjnuna fl-iżvilupp ta' kurrikuli u programmi ta' taħriġ.

Azzjonijiet ta' litteriżmu medjatiku lil hinn mill-edukazzjoni

B'mod komplementari għall-miżuri fil-qasam tal-edukazzjoni, l-azzjonijiet b'appoġġ għal litteriżmu medjatiku inklużi il-litteriżmu diġitali madwar l-UE jeħtieġ li jiżiedu b'mod inklużiv u effiċjenti, biex jintlaħqu persuni ta' kull età u sfond soċjoekonomiku, speċjalment persuni lil hinn mill-kuntesti tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

Il-Kummissjoni se tnedi **pakkett ta' miżuri dwar il-litteriżmu medjatiku. Il-Programm tar-Reżiljenza tal-Media** se jinkludi azzjonijiet ġodda li jappoġġaw il-litteriżmu medjatiku li jilħaq il-kategoriji kollha tal-età (żgħażaġh, adulti, anzjani), fiż-żoni rurali u urbani. Se tindirizza sfidi ġodda u eżistenti tal-integrità tal-informazzjoni, billi torbot il-litteriżmu medjatiku mat-tnejn u tiffoka fuq xejriet ġodda f'termini ta' konsum tal-media⁸⁸. L-azzjonijiet potenzjali biex jittejbu l-mekkaniżmi eżistenti skont id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva dwar il-litteriżmu medjatiku se jkunu wkoll parti mill-evalwazzjoni u r-rieżami ta' dawn ir-regoli. Se tingħata prijorità lill-appoġġ lill-Istati Membri li jiffaċċjaw sfidi u ħtiġijiet partikolari, kif ukoll lill-pajjiżi kandidati u lill-kandidati potenzjali⁸⁹ u lill-gruppi li jiffaċċjaw ostakli biex jinvolvu ruħhom fil-ħajja demokratika⁹⁰.

Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp, l-estensjoni jew l-implimentazzjoni ta' **pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jew reġjonali dwar il-litteriżmu medjatiku**⁹¹.

Il-Kummissjoni se **ssaħħaħ ukoll il-komunità tal-litteriżmu medjatiku**, biex iżżid il-koordinazzjoni u ssaħħaħ ir-rabtiet bejn l-atturi involuti. Dan se jinkludi t-tiżiħ tal-**Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Litteriżmu fil-Media** (MLEG, Media Literacy Expert Group) mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, billi jitrawmu skambji tal-aħjar prattiki, jiġu offruti

⁸⁶ Inklużi il-possibbiltà li l-bniet u s-subien jiġu immurati b'mod differenti.

⁸⁷ Filwaqt li jitqiesu fost l-oħrajn id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE kif spjegat fil-Gwida għaċ-Ċittadinanza tal-UE: https://commission.europa.eu/publications/guide-eu-citizenship_en and the upcoming EU democracy guide for citizens.

⁸⁸ L-azzjonijiet biex jittejbej il-mekkaniżmu tal-AVMSD dwar il-litteriżmu medjatiku se jkunu wkoll parti mill-evalwazzjoni u r-rieżami tiegħu.

⁸⁹ Li huma partikolarment esposti għall-FIMI u d-diżinformazzjoni minħabba l-prossimità tagħhom mar-Russja u l-Belarużja.

⁹⁰ Dan tal-aħjar jista' jkun ibbażat fuq indikaturi eżistenti bħalma hu l-Indiċi tal-Pluraliżmu tal-Midja li fih sottoidikator dwar il-livell tal-litteriżmu medjatiku.

⁹¹ Fl-istrateġija tal-UE għall-Preparatezza hemm appell biex tiżied il-ħidma fejn jidħol il-litteriżmu diġitali u tal-media, inklużi fil-kuntest tat-Tarka Ewropea għad-Demokrazija u tal-Pjan Direzzjonali tal-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali biex insaħħu l-ħsieb kritiku u tinbena r-reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni u t-tħedd id ċibernetiku minn età bikrija. Diversi Stati Membri għandhom programmi nazzjonali biex jilħqu dawn l-oġettivi. Pereżempju, LU adottat pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-inklużjoni diġitali fl-2021 u MT għandha strateġija għall-edukazzjoni diġitali għall-2025-2030.

għodod ġodda ta' kooperazzjoni u jiġi estiż il-mandat tiegħu biex ikopri aspetti tar-reżiljenza u t-tnejjija tas-soċjetà. Biex tikkomplementa l-isforzi tal-MLEG, il-Kummissjoni se tistabilixxi wkoll **network ta' esperti indipendenti ġdid għal-litteriżmu fil-media**, li jlaqqa' flimkien esperti indipendenti minn diversi oqsma (eż. it-tnejjija, il-FIMI u d-diżinformazzjoni, l-analiżi tad-data, ir-riskji għall-integrità tal-informazzjoni, ix-xjenzi tal-imġiba, eċċ.) biex jipprovdi inputs u għarfien indipendenti biex jiġu indirizzati sfidi ġodda. L-isforzi tal-litteriżmu medjatiku se jibnu wkoll fuq il-komunità tal-litteriżmu medjatiku tal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali (EDMO), filwaqt li jkomplu jżidu r-repożitorju tal-aħjar prattiki u l-każijiet ta' użu abbażi tal-Linji Gwida tal-EDMO għal Inizjattivi Effettivi tal-Litteriżmu fil-Media⁹² u billi jżidu l-istejjer ta' suċċess żviluppanti u skjerati miċ-**ċentri reġjonali/nazzjonali tal-EDMO**, pereżempju biex jintlaħqu l-komunitajiet vulnerabbli u rurali u għall-anzjani jew il-kollaborazzjoni mal-media.

Il-Kummissjoni se tippreżenta **gwida tal-UE dwar id-demokrazija għaċ-ċittadini**, biex tippromwovi l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-drittijiet demokratiċi tagħhom skont il-liġi u l-oqfsa ta' politika tal-UE u kif jeżerċitawhom⁹³. Se ssir enfasi partikolari fuq iż-żgħażaġh.

Biex tinvolvi liċ-ċittadini fit-tfassil ta' dawn il-miżuri dwar id-demokrazija, iċ-ċittadinanza u l-ħiliet fil-media u l-litteriżmu diġitali, il-Kummissjoni se torganizza **Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar ir-reżiljenza demokratika**.

Azzjonijiet:

- *L-iżvilupp tal-Iskema ta' Appoġġ tal-2026 għall-Ħiliet Bażiċi għall-Iskejjejl, li tinkludi ħiliet ta' ċittadinanza u l-ħiliet diġitali*
- *Jiġu aġġornati l-Linji Gwida għall-għalliema u l-edukaturi dwar id-diżinformazzjoni u l-litteriżmu diġitali*
- *Jiġi żvilupp qafas ta' kompetenza taċ-ċittadinanza tal-UE flimkien ma' linji gwida għat-tiżiħ tal-edukazzjoni ċivika fl-iskejjejl*
- *Jingħata appoġġ lill-Istati Membri fl-iżvilupp, l-estensjoni jew l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jew reġjonali dwar il-litteriżmu medjatiku*
- *Jitniedu miżuri dwar il-litteriżmu medjatiku, bi prijoritajiet ġodda u komunità msaħħa tal-litteriżmu medjatiku*
- *Titħejja gwida tal-UE għaċ-ċittadini dwar id-demokrazija*
- *Jiġi organizzat Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar ir-reżiljenza demokratika*

2.4.2. Il-promozzjoni tal-involvement u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini

Permezz ta' metodi ġodda u sinifikanti ta' parteċipazzjoni, deliberazzjoni u involvement taċ-ċittadini, fil-ġenerazzjonijiet kollha⁹⁴, jinħolqu modi addizzjonali għaċ-ċittadini biex jinvolvu ruħhom f'dibattiti demokratiċi u fit-tfassil tal-politika pubblika, li jarrikkixxi d-

⁹² Ara: <https://edmo.eu/areas-of-activities/media-literacy/raising-standards-the-edmo-guidelines/>.

⁹³ B'enfasi fuq id-drittijiet skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar l-IA, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, ir-Regolament dwar ir-reklamar politiku, id-drittijiet elettorali tal-UE u oqfsa rilevanti oħra.

⁹⁴ Dawn jinkludu panels interġenerazzjonali taċ-ċittadini, assemblej taċ-ċittadini, ibbaġitjar parteċipattiv, ippjanar parteċipattiv jew għodod u pjattaformi diġitali ġodda tat-teknoloġija ċivika, li jikkomplementaw prattiki bħal konsultazzjonijiet pubbliċi jew s'tħarriġ.

deliberazzjonijiet b'diversi perspettivi – kif muri mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa – u jsaħħu d-demokrazija rappreżentattiva bbażata fuq l-elezzjonijiet.

Fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni tuża diversi għodod biex tinvolvi liċ-ċittadini tal-UE fit-fassil tal-politika tagħha, billi tibda bl-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej, għodda unika li tistabbilixxi l-aġenda li tippermetti liċ-ċittadini jressqu l-ideat tagħhom għall-azzjoni tal-UE. **Il-Panels taċ-Ċittadini Ewropej u l-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini**, saru assi importanti biex jinfurmaw u jappoġġaw it-tfassil tal-politika, jibnu reżiljenza demokratika u jrawmu ċ-ċittadinanza Ewropea u l-użu tagħhom fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri se jiġu mħeġġa. Il-Kummissjoni se tesplora l-possibiltajiet biex tiftaħ il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini tagħha jew biex tippermetti l-interoperabbiltà tagħha mal-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali.

Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-korpi u l-entitajiet rilevanti, bħall-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-partijiet ikkonċernati⁹⁵ biex issaħħaħ **network ta' awtoritajiet nazzjonali dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini**, b'punti fokali nazzjonali, filwaqt li tibni b'mod partikolari fuq iċ-Ċentru ta' Kompetenza virtwali tal-Kummissjoni dwar id-Demokrazija Parteċipattiva u Deliberattiva⁹⁶. Il-ħidma ta' dan in-network se tiffoka fuq il-livell lokali, l-għoti tas-setgħa liż-żgħażaġh u d-djalogu interġenerazzjonali, filwaqt li tipprovi appoġġ prattiku u tippromwovi għodod rilevanti lill-awtoritajiet nazzjonali. F'dan il-qafas, il-Kummissjoni se tappoġġa t-tnejja ta' **pakkett ta' taħriġ** għall-Istati Membri dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Il-Kummissjoni se tiżgura aċċess usa' għall-informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini permezz ta' **portal multilingwi** għar-riżorsi fil-livell tal-UE, biex ixxerred l-għodod u l-informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni demokratika b'mod aktar wiesa', għall-użu fil-livelli kollha madwar l-UE, inklużi l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini, filwaqt li tiċċentralizza l-informazzjoni miġbura permezz tan-network tal-awtoritajiet nazzjonali dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u taħt iċ-Ċentru ta' Kompetenza dwar id-Demokrazija Parteċipattiva u Deliberattiva.

Għandhom jiġu promossi għodod diġitali innovattivi biex jikkomplementaw u jappoġġaw l-iskambji personali. Il-Kummissjoni se tistimula l-innovazzjoni fil-pjattaformi online li jippermettu l-parteċipazzjoni fid-demokrazija (it-teknoloġija ċivika⁹⁷), inklużi l-pjattaformi diġitali lokali li jappoġġaw l-involviment demokratiku, u tisfrutta l-IA għal skopijiet

⁹⁵ L-istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili se tipproponi miżuri biex taħdem mal-Istati Membri biex jissaħħaħ l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'segwitu wkoll għar-Rakkomandazzjoni tal-2023 fir-rigward ta' dawn l-atturi, filwaqt li l-azzjonijiet taħt it-Tarka tad-Demokrazija jiffukaw fuq il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini.

⁹⁶ Dan iċ-Ċentru jappoġġa proġetti parteċipattivi u deliberattivi fil-livell tal-UE u li jinvolvu pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, b'varjetà ta' riżorsi, taħriġ, avvenimenti wiċċ imb wiċċ, laboratorji taċ-ċittadini u komunità ta' prattika b'għarfien espert multidixxiplinari minn madwar l-UE.

⁹⁷ It-teknoloġija ċivika tista' tiġi definita bħala l-użu ta' teknoloġiji diġitali biex tissaħħaħ id-demokrazija billi l-pubbliku jkun jista' jiġi infurmat, jipparteċipa fit-tfassil tad-deċiżjonijiet u tal-politika, u jżid ir-rispons u r-responsabbiltà tal-gvernijiet (ara d-Dokumenti ta' Politika dwar il-Governanza Pubblika tal-OECD Nru 72 tal-2025).

parteċipattivi. Biex tnedi l-involviment mas-settur tat-teknoloġija ċivika, il-Kummissjoni se torganizza **hackathon tat-teknoloġija ċivika** biex tpoġġi fid-deher proġetti innovattivi u se tistabilixxi **ċentru Ewropew tat-teknoloġija ċivika**⁹⁸, li se jipprovdi punt fokali komprensiv u multilingwi għall-informazzjoni, ir-riżorsi u l-għodod dwar it-teknoloġija ċivika⁹⁹. Il-Kummissjoni se tappoġġa proġetti pilota f'dan il-qasam taħt programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE, li jinvolvu lill-awtoritajiet lokali, il-komunitajiet u n-negozji ġodda tat-teknoloġija biex jiżviluppaw soluzzjonijiet skalabbli, anke f'żoni rurali¹⁰⁰. F'dawn il-linji ta' ħidma, se tingħata attenzjoni partikolari lill-aċċessibbiltà u l-interoperabbiltà tal-għodod tat-teknoloġija ċivika.

Il-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni taż-żgħażaġh fil-livelli kollha jiżguraw li l-politiki u d-deċiżjonijiet jikkunsidraw il-perspettivi u l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjoni żagħżuġha, li se tgħix bil-konsegwenzi tagħhom għat-tul. L-involviment taż-żgħażaġh, b'mod inklużiv, irawwem ukoll sens ta' responsabbiltà ċivika, filwaqt li jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tul il-ħajja fis-soċjetà u d-demokrazija. Iż-żgħażaġh għandhom rwol ċentrali fl-isforzi tal-Kummissjoni biex tinvolvi liċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika tagħha, inkluż permezz tal-Bord Konsultattiv taż-Żgħażaġħ tal-President. Se jiġu organizzati **Djalogi dwar il-Politika taż-Żgħażaġħ** bejn il-Kummissarji u ż-żgħażaġh dwar **l-implimentazzjoni tat-Tarka għad-Demokrazija Ewropea. Il-ġabra ta' Għodod tal-UE għall-Parteċipazzjoni tad-Djalogu maż-Żgħażaġħ**, maħluq mal-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġh, **se jiġi adattat** biex jilħaq aktar żgħażaġh u se jiġi promoss permezz tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ biex tingħata spinta lill-involviment taż-żgħażaġh b'mod aktar wiesa'. **L-inizjattiva Voices of the Future** se jkollha l-għan li toħloq Forum Ewropew għall-Ekwità Interġenerazzjonali fid-Demokrazija, bħala spazju inklużiv fejn in-nies ta' kull età jistgħu jiltaqgħu biex isawru l-għażliet fit-tul tal-Ewropa.

Azzjonijiet:

- *Tiġi promossa l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u taż-żgħażaġh, inkluż bit-tisħiħ ta' network ta' awtoritajiet nazzjonali dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, b'pakkett ta' taħriġ u portal multilingwi għar-riżorsi fil-livell tal-UE*
- *Jitwaqqaf ċentru Ewropew tat-teknoloġija ċivika biex jappoġġa s-settur tat-teknoloġija ċivika*

2.4.3. It-tisħiħ tad-demokrazija permezz ta' azzjonijiet li jinkludu s-soċjetà kollha

Sabiex tissaħħaħ aktar id-demokrazija, huwa meħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ sostnut lill-atturi u l-komunitajiet involuti, li jiġu rikonnoxxuti u amplifikati l-inizjattivi tagħhom, u li jintwerew l-aħjar Prattiki li juru approċċi innovattivi. Hija meħtieġa enfasi partikolari fuq ir-reġjuni affettwati minn involviment ċiviku u politiku baxx.

⁹⁸ Dan se jkun konness mal-Portal Ewropa Interoperabbli, li ġie stabbilit permezz tar-Regolament 2024/903 u jagħti aċċess għal soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u soluzzjonijiet b'sors miftuħ użati mill-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Ewropa. Dan diġà jospita eżempji ta' għodod b'sors miftuħ għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini.

⁹⁹ Bħala tali, se jappoġġa l-viżibbiltà tal-għodod tat-teknoloġija ċivika u l-kondiviżjoni tal-għarfien espert u tal-għarfien fl-ekosistema tat-teknoloġija ċivika, u jrawwem is-sensibilizzazzjoni ta' dan is-settur fost l-awtoritajiet nazzjonali u lokali.

¹⁰⁰ Abbażi tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, se jinħoloq mudell ta' valutazzjoni biex jiġi evalwat il-livell ta' maturità tal-interoperabbiltà tal-pjattaformi tat-teknoloġija ċivika u biex il-pjattaformi online jiġu meġġuna jidentifikaw oqsma għal titjib.

Biex tindirizza l-isfidi dejjem jikbru bħall-frammentazzjoni soċjali, l-iżolament diġitali, u t-naqqis fil-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi, il-Kummissjoni se trawwem approċċi li jsawru l-komunitajiet. Flimkien mal-awtoritajiet lokali u n-networks madwar l-UE – inkluż **in-Network tal-UE tal-Kunsillieri Lokali** – il-Kummissjoni se tħeġġeġ u tappoġġa inizjattivi fil-livell lokali li jlaqqgħu flimkien persuni ta’ etajiet u sfondi differenti u jsaħħu l-konnessjonijiet lokali u l-ispace pubbliċi inklużivi, inkluż permezz tal-isport, il-mużika, ir-rakkontar tal-istejjer u l-kollaborazzjoni.

Id-demokrazija lokali, l-inklużjoni u l-approċċi parteċipattivi huma fost il-valuri u l-prinċipji ewlenin tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Din se tappoġġa d-demokrazija lokali permezz ta’ inizjattivi konkreti li jippromwovu approċċi innovattivi għall-involviment tal-komunità fil-livell tal-viċinati. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tal-komunità u l-konnessjonijiet interġenerazzjonali, kif ukoll l-avanz ta’ approċċi kollaborattivi għal spazji pubbliċi u viċinati inklużivi.

Iċ-ċentri EUROPE DIRECT tal-Kummissjoni se jaġixxu bħala mikrocentri lokali tad-demokrazija – spazji miftuħa u ħajjin fejn il-komunitajiet jiltaqgħu, jiskambjaw u jaġixxu flimkien, filwaqt li jappoġġaw djalogu inklużiv imsejjes fuq ir-realtajiet tagħhom ta’ kuljum. Fi sħubija mal-awtoritajiet lokali, huma jistgħu jospitaw attivitajiet li jbiddu d-diskussjoni f’esperjenza kondiviża – dawki jistgħu jinkludu affarijiet bħal serati fil-komunità, tagħlim ta’ ħiliet fi ħdan il-komunità jew podcasts lokali¹⁰¹.

Sabiex jiġu inkoraġġiti aktar skambji u sinerġiji bejn il-partijiet ikkonċernati attivi fl-innovazzjoni demokratika, l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-viżibbiltà tal-proġetti tagħhom, il-Kummissjoni se torganizza **Attività ta’ Livell Għoli** dwar id-demokrazija u tagħmel disponibbli **għotja annwali għall-innovazzjoni demokratika**¹⁰². Il-wiri ta’ proġetti relatati mad-demokrazija jżid il-viżibbiltà tagħhom għal donaturi privati u organizzazzjonijiet filantropiċi li huma mħeġġa jkollhom rwol dejjem akbar.

Il-Kummissjoni se tniedi **kampanji ta’ sensibilizzazzjoni** ddedikati biex tartikola għaliex id-demokrazija hija importanti u kif iċ-ċittadini kollha, inklużi ż-żgħażaġh, jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jsemmgħu lehinom¹⁰³.

Is-settur privat għandu wkoll rwol x’jaqdi fil-promozzjoni u ż-żamma tad-demokrazija, li hija fundamentali għal ambjent tan-negozju ġust u li jiffunzjona tajjeb u għall-prosperità ekonomika. Min-naħa tagħha, ekonomija prospera hija essenzjali biex id-demokrazija tirnexxi. Il-Kummissjoni se tħeġġeġ lill-kumpaniji privati u lill-assoċjazzjonijiet tan-negozju biex jaqsmu l-aħjar prattiki, jieħdu impenji volontarji f’dan il-qasam u jibnu **koalizzjoni kummerċjali għad-demokrazija**¹⁰⁴.

Azzjonijiet:

¹⁰¹ L-ambaxxaturi għall-Involviment taċ-Ċittadini, l-alumni tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej, jistgħu jaqsmu l-esperjenza tagħhom u jgħinu fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini.

¹⁰² Li jistgħu jkunu miftuħa għal proġetti konkreti fil-pajjiżi kandidati tal-UE u l-kandidati potenzjali.

¹⁰³ L-ambaxxaturi għall-Involviment taċ-Ċittadini, l-alumni tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej, jistgħu jaqsmu l-esperjenza tagħhom u jgħinu fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini.

¹⁰⁴ Appoġġat minn workshop tal-bidu u minn studju dwar l-għażliet għall-kontribuzzjonijiet tal-komunità tan-negozju.

- *Tiġi organizzata Attività ta' Livell Għoli dwar id-demokrazija u premju annwali għall-innovazzjoni demokratika*
- *Jitniedu mill-Kummissjoni kampanji ta' sensibilizzazzjoni ddedikati*
- *Jingħata appoġġ għall-bini ta' impenji volontarji tas-settur privat biex tinbena koalizzjoni tal-kummerċ għad-demokrazija*

2.4.4. Is-salvagwardja tat-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza

It-ffassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza jiżgura li l-istituzzjonijiet, id-dibattiti u t-teħid tad-deċiżjonijiet ikollhom l-għeruw tagħhom fi proċessi fattwali, trasparenti u responsabbli u data imparzjali bbażata fuq il-libertà tar-riċerka xjentifika, filwaqt li jrawmu l-fiduċja u l-leġittimità fil-governanza. Sabiex jiġu ggarantiti proċessi konsultattivi xjentifiċi effettivi u demokratiċi u appoġġ xjentifiku għall-politiki pubbliċi, huwa meħtieġ li tiġi promossa l-aderenza mal-oġġla standards ta' etika u integrità tar-riċerka. Huwa essenzjali wkoll li jkun hemm l-involviment u l-fiduċja taċ-ċittadini fix-xjenza u li jiġu żgurati sistemi konsultattivi robusti u indipendenti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tadotta **Rakkomandazzjoni dwar l-evidenza xjentifika ta' sostenn u l-użu tagħha fit-ffassil tal-politika pubblika.**

Il-libertà tar-riċerka xjentifika hija parti kruċjali mil-libertà akkademika u hija essenzjali għall-ġenerazzjoni ta' għarfien affidabbli u data affidabbli. Billi jipproteġu l-indipendenza tar-riċerkaturi u tal-akkademiċi biex jesploraw, jistaqsu u jinnovaw, huma jiżguraw li l-evidenza użata fit-ffassil tal-politika tkun kredibbli u imparzjali. Dawn il-valuri huma wkoll prerekwiżit għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jiksbu l-missjoni akkademika u soċjetali tagħhom, irawmu u jipromwovu l-konversazzjonijiet pubbliċi billi joffru għarfien espert u evidenza, u essenzjali għar-reżiljenza demokratika. **L-Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka** li jmiss se jafferma mill-ġdid il-libertà tar-riċerka xjentifika fil-liġi tal-UE, bħala parti essenzjali mill-valuri akkademiċi. Il-libertà tal-arti, u l-protezzjoni tal-artisti u tal-istituzzjonijiet kulturali, kif indirizzati fil-Kumpass Kulturali għall-Ewropa, huma wkoll komponent importanti tan-nisġa demokratika u r-reżiljenza.

Filwaqt li tibni fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2024 dwar it-Tisħiħ tas-Sigurtà tar-Riċerka¹⁰⁵, il-Kummissjoni qed tivvaluta wkoll l-għażliet għall-istabbiliment ta' **Ċentru Ewropew ta' Għarfien Espert dwar is-Sigurtà tar-Riċerka** biex tissaħħaħ il-bażi tal-evidenza għat-ffassil tal-politika dwar is-sigurtà tar-riċerka u titrawwem komunità ta' prattika madwar l-UE.

B'mod aktar ġenerali, iċ-Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza Demokratika jista' jiffaċilita wkoll **l-iskambji ta' esperjenza dwar il-bini tar-reżiljenza demokratika**, bħall-**aħjar prattiki għall-bini tal-komunità, l-inizjattivi tal-litteriżmu medjatiku** u l-azzjonijiet ta' **prontezza.**

Azzjonijiet:

- *Tiġi adottata Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-evidenza xjentifika ta' sostenn u l-użu tagħha fit-ffassil tal-politika pubblika*
- *Titnaqqax il-libertà tar-riċerka xjentifika fil-liġi tal-UE skont l-Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka*

¹⁰⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, C/2024/3510.

- *Jiġu valutati l-opzjonijiet fejn jidħol it-twaqqif ta' Ċentru Ewropew ta' Għarfien Espert dwar is-Sigurtà tar-Riċerka*

3. L-investment fid-demokrazija huwa investment fil-futur tagħna

L-appoġġ finanzjarju huwa kruċjali biex jinkisbu l-prijoritajiet tat-Tarka għad-Demokrazija Ewropea fil-futur immedjat u fit-tul. Hemm diversi programmi ta' finanzjament tal-UE li huma rilevanti f'dan ir-rigward. **Ewropa Kreattiva** jipprovdi l-finanzjament biex jingħata appoġġa lill-media, il-ġurnaliżmu u l-litteriżmu diġitali u medjatiku. **Ewropa Diġitali** tappoġġa kollaborazzjonijiet multidixxiplinari biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni permezz tal-finanzjament tagħha tal-EDMO, inklużi ċ-ċentri reġjonali tiegħu, u n-Network Ewropew tal-Kontrolli tal-Fatti. **Orizzont Ewropa** jappoġġa r-riċerka, l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni biex jissaħħu d-demokrazija u l-governanza u tiġi żviluppata l-innovazzjoni demokratika. Il-programm dwar **Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri taċ-Ċittadini (CERV)** jipproteġi u jippromwovi l-valuri tal-Unjoni u jippromwovi l-involviment taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.

Il-pilastru tar-rispons rapidu taħt l-Istrument ta' Viċinat u ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali jappoġġa l-ġurnaliżmu indipendenti u jibni l-kapaċitajiet tal-FIMI f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Programmi oħra, bħall-**programm Ġustizzja u Erasmus+**, isaħħu d-demokrazija billi jilhqqu l-oġġettivi ewlenin tagħhom. Il-faċilitajiet għall-Ukrajna, il-Balkani tal-Punent u l-Moldova jippermettu l-iżborż ta' finanzjament abbażi tat-twettiq ta' riformi strutturali, bl-għan li tissaħħaħ id-demokrazija, b'appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-media indipendenti, il-litteriżmu medjatiku u r-reżiljenza kontra l-FIMI u t-theddid ibridu. Il-Kummissjoni se tikkunsidra bi prijorità aspetti relatati mad-demokrazija meta tipprogramma dawn il-fondi għall-bqija taż-żmien taħt dan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Jenħtieġ li jiġi kkunsidrat finanzjament innovattiv, bħal mikroġoħotjiet għal inizjattivi lokali, strumenti finanzjarji bħal garanziji, self u ekwità, u l-inkoraġġiment u s-simplifikazzjoni tal-finanzjament kollettiv.

Il-finanzjament privat għandu jiġi inċentivat. Pereżempju, il-finanzjament tal-ekwità privata diġà jista' jintuża għat-tnaqqis tar-riskji ta' proġetti kreattivi fis-settur awdjoviżiv billi jiġu ffinanzjati l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' films, kontenut tal-midja jew inizjattivi kulturali. Tali tnaqqis tar-riskji jista' jiġi applikat għal proġetti futuri li jappoġġaw il-media indipendenti u l-ġurnaliżmu. Avvenimenti ta' għbir ta' fondi jistgħu jstimulaw kontribuzzjonijiet filantropiċi u kollaborazzjonijiet ma' fondazzjonijiet privati biex jissaħħaħ l-appoġġ finanzjarju għat-Tarka tad-Demokrazija Ewropea.

Bħala parti mill-QFP li jmiss għall-2028-2034, il-Kummissjoni pproponiet għadd ta' programmi biex jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-Tarka għad-Demokrazija Ewropea. Il-finanzjament propost ikopri l-appoġġ fi spettru wiesa' ta' prijoritajiet u atturi, inkluż media ħielsa u indipendenti, il-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-educazzjoni u r-reżiljenza demokratika ġenerali. B'mod partikolari, **AgoraEU** hija maħsuba biex tippromwovi valuri kondiviżi, inkluża d-demokrazija, u biex tappoġġa d-diversità kulturali Ewropea, is-setturi awdjoviżivi u kreattivi tagħha, il-libertà tal-media kif ukoll l-involviment tas-soċjetà

ċivili. Il-fergħa l-ġdida **MEDIA+** taħt **AgoraEU** tipprovdi appoġġ olistiku għall-ġurnaliżmu liberu u indipendenti u l-media tal-aħbarijiet, tipproteġi u tippromwovi l-libertà tal-media; ittejjeb il-vijabbiltà finanzjarja tal-media, tappoġġa l-litteriżmu medjatiku u l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni. Il-pożizzjoni tas-**CERV+** ta' **AgoraEU** biħsiebha tappoġġa l-implimentazzjoni tat-Tarka tad-Demokrazija billi trawwem proċessi elettorali ħielsa, ġusti u inklużivi u billi ssaħħaħ il-parteċipazzjoni u l-involvement taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika u ċivika tal-Unjoni. Azzjonijiet oħra importanti ta' appoġġ ikunu ffinanzjati permezz tal-**Programm dwar il-Ġustizzja**¹⁰⁶, **Orizzont Ewropa**^{107, 108}, **l-Istrument Ewropa Globali**¹⁰⁹ u **Erasmus+**¹¹⁰, **il-Fond Ewropew għall-Kompetittività l-pjanijiet Nazżjonali u Reġjonali ta' Tisħib**¹¹¹.

Ir-reżiljenza demokratika u d-difiża jsaħħu lil xulxin. **L-infiq fuq id-difiża** jista' jitqies ukoll bħala mezz biex tiġi appoġġata r-reżiljenza demokratika, pereżempju billi jsir investiment fiċ-ċibersigurtà, il-prevenzjoni kontra t-theddid ibridu jew il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika u l-istituzzjonijiet demokratiċi minn interferenza esterna. Ir-reżiljenza u l-azzjonijiet tad-difiża tal-UE fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu jsaħħu r-reżiljenza demokratika, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-eċċellenza teknoloġika tal-Ewropa fiċ-ċiberdifiża u l-iżvilupp ta' teknoloġiji mill-aktar avvanzati. L-appoġġ finanzjarju tal-UE taħt **il-Fond Ewropew għad-Difiża, Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali, l-istrument SAFE** (Security Action for Europe - Azzjoni ta' Sigurtà għall-Ewropa) u fil-QFP futur taħt **il-Programm propost għall-Industrija tad-Difiża Ewropea** huwa essenzjali f'dan ir-rigward.

4. Konklużjonijiet

¹⁰⁶ Il-programm dwar il-Ġustizzja propost li jmiss għandu l-għan li jsaħħaħ id-demokrazija billi jippromwovi u jappoġġa t-taħriġ għall-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju bil-ħsieb li tiġi promossa d-demokrazija u tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti u effettiva tal-istrumenti legali tal-UE.

¹⁰⁷ Il-programm Orizzont Ewropa li jmiss propost mill-Kummissjoni se jkompli jappoġġa r-riċerka li għandha l-għan li ssaħħaħ id-demokrazija u l-valuri demokratiċi, billi jippromwovi l-involvement ċiviku, irawwem soċjetajiet reżiljenti u pluralistiċi u l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni u tax-xenarju tal-media u jiġġieled id-diżinformazzjoni.

¹⁰⁸ Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività li qed jiġi propost jappoġġa l-industrija tas-sigurtà ċivili f'oqsma bħall-ġlieda kontra t-theddid ibridu.

¹⁰⁹ Fir-reġjuni tat-tkabbir u tal-viċinat tal-Lvant, l-istrument propost Ewropa Globali se jipprovdi għodod għall-promozzjoni tad-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Barra minn hekk, Ewropa Globali se tappoġġa l-progress tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali lejn l-istandards tal-UE f'konformità mal-prinċipju li jagħti prijorità lill-elementi fundamentali lejn it-tkabbir. F'dan il-kuntest, ser tingħata wkoll attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tal-media indipendenti u tal-litteriżmu medjatiku, kif ukoll lit-tisħiħ tar-reżiljenza kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin (FIMI) u t-theddid ibridu.

¹¹⁰ Il-programm Erasmus+ li jmiss propost mill-Kummissjoni jagħmel enfasi partikolari fuq l-appoġġ għall-edukazzjoni ċivika u ċ-ċittadinanza, il-valuri tal-UE, ir-reżiljenza tas-soċjetà u l-litteriżmu medjatiku, b'rispett sħiħ tal-kompetenza tal-Istati Membri fid-definizzjoni tal-iskejjel u tal-kurrikuli akkademiċi u l-organizzazzjoni tal-istrutturi edukattivi tagħhom, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' apprendiment mhux formali u informali li jappoġġaw il-parteċipazzjoni taż-zgħażaġh u t-tagħlim taż-zgħażaġh dwar kif jipparteċipaw fid-demokrazija.

¹¹¹ Il-pjanijiet ta' sħubija nazżjonali u reġjonali, implimentati fir-rigward tal-prinċipji ta' governanza u sħubija f'diversi livelli, jistgħu jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, b'mod partikolari marbuta ma' theddid ibridu bħall-FIMI, u miżuri li jsaħħu l-governanza demokratika pereżempju billi jtejbu t-trasparenza, irawmu d-djalogu ċiviku, jappoġġaw is-soċjetà ċivili u jsaħħu l-istat tad-dritt.

Din il-Komunikazzjoni dwar it-Tarka għad-Demokrazija Ewropea tipprovdi approċċ strateġiku għas-salvagwardja, it-tiġid u l-promozzjoni tad-demokrazija fl-UE fit-tul. Hija tenfasizza l-impenn qawwi tal-Kummissjoni li ssaħħaħ ir-reżiljenza demokratika madwar l-Unjoni u r-rieda tagħha li taħdem flimkien ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, l-Istati Membri tal-UE, sħab mill-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-viċinat tal-UE kif ukoll iċ-ċittadini biex tindirizza l-isfidi li qed tiffaċċja d-demokrazija.

Skont dan l-approċċ strateġiku, tħabbru serje ta' azzjonijiet, li se jiġu implimentati gradwalment sal-2027. L-Istati Membri se jkollhom rwol ewlieni biex jiksbu dawn l-oġġettivi, u l-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura sjieda konġunta.

Biex tiżgura s-segwitu politiku rigward l-implimentazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni se taġġorna regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni se torganizza Forum Ministerjali annwali ta' livell għoli biex tieħu kont tal-azzjonijiet implimentati taħt it-Tarka tad-Demokrazija Ewropea u tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, permezz tal-involviment ta' atturi kemm istituzzjonali kif ukoll mhux istituzzjonali. Il-Kummissjoni se tinvolvi ruħha wkoll ma' interlokutori u partijiet ikkonċernati fil-livelli nazzjonali u lokali. Sa tmiem il-mandat, il-Kummissjoni se tqis l-implimentazzjoni u l-impatt tal-azzjonijiet inklużi f'din il-Komunikazzjoni.

It-Tarka għad-Demokrazija Ewropea hija element integrali tal-approċċ proattiv li l-Kummissjoni tiegħu biex tiddefendi l-valuri tal-UE u biex iżżomm magħhom. Il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet b'saħħithom biex tissalvagwardja u tippromwovi l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-UE, b'mod partikolari permezz tar-**Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt** u r-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**. Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija huma wkoll prijorità ewlenija tal-azzjonijiet esterni tal-UE, kif enfasizzat fil-**Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2027. L-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili**¹¹² tikkomplementa dawn l-isforzi billi tippromwovi involviment aktar b'saħħtu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u trawwem spazju ċiviku b'saħħtu madwar l-UE.

Id-demokrazija hija impenn ta' kuljum li rridu niproteġu, inrawmu u qatt ma nieħdu bħala fatt. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li tiddefendi d-demokrazija u tippromwovi l-valuri, l-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi, fid-dawl tal-isfidi esterni u interni li qed jikbru. Dak li għandna huwa ta' min jippreservah u hekk se nagħmlu, b'qawwa u għaqda sħiħa, hekk kif insawru demokraziji b'saħħithom u reżiljenti.

¹¹² European Communication, Communication on EU Strategy to Support, Protect and Empower Civil Society, COM(2025) 790 final. (bl-Ingliż biss)